ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 49

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

20 ta' Frar 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 139/2009 tad-19 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 140/2009 tad-19 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ........ 3

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2009 tad-19 ta' Frar 2009 li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni tal-esportazzjoni tal-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 ........ 7

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 142/2009 tad-19 ta' Frar 2009 li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni tal-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 ........ 9

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 143/2009 tad-19 ta' Frar 2009 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 ........ 10

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 144/2009 tad-19 ta' Frar 2009 li jiffissa r-rati tar-rifużjonijiet applikabbli għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib esportati fis-sura ta' oġġetti mhux koperti mill-Anness I tat-Trattat ........ 12

(*Ikompli fil-paġna ta' wara*)





L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2009/144/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2009 li testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri fid-Deċiżjoni 2002/148/KE li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet maż-Żimbabwe taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija tal-ACP-KE** ........ 15

**Kummissjoni**

2009/145/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2008 dwar l-Għajnuna mill-Istat C 15/2006 (eks N 291/2000) li Franza qed tippjana li timplimenta favur Pilkington/Interpane** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7799)* (1) ........ 18

2009/146/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2009 dwar il-ħatra tal-membri u l-konsulenti tal-Kumitati Xjentifiċi u l-Grupp imwaqqaf mid-Deċiżjoni 2008/721/KE** ........ 33

2009/147/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2009 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-2008 li tkopri n-nefqa mġarrba mill-Ġermanja, l-Olanda u s-Slovenja bl-għan li jiġu miġġielda organiżmi ta' ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti** *(notifikata taht id-dokument numru C(2009) 1013)*........ 43

2009/148/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2008/883/KE rigward il-Brażil li tikkonċerna d-data minn meta ġiet awtorizzata l-importazzjoni fil-Komunità ta' ċertu laħam frisk tal-bovini** *(notifikata taht id-dokument numru C(2009) 1040)* (1)........ 46

---

**Corrigendum**

★ **Rettifika għad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali mehtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (1) ta' Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992. Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 3 Volum 13)** ........ 48

---

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 139/2009

## tad-19 ta' Frar 2009

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Frar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta’ l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss ta’ l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 129,4 |
| | JO | 62,0 |
| | MA | 46,5 |
| | TN | 132,6 |
| | TR | 75,4 |
| | ZZ | 89,2 |
| 0707 00 05 | JO | 161,3 |
| | MA | 88,2 |
| | TR | 177,4 |
| | ZZ | 142,3 |
| 0709 90 70 | JO | 239,8 |
| | MA | 69,2 |
| | TR | 119,2 |
| | ZZ | 142,7 |
| 0709 90 80 | EG | 94,1 |
| | ZZ | 94,1 |
| 0805 10 20 | EG | 41,1 |
| | IL | 53,2 |
| | MA | 53,4 |
| | TN | 44,6 |
| | TR | 65,3 |
| | ZZ | 51,5 |
| 0805 20 10 | IL | 145,4 |
| | MA | 99,4 |
| | TR | 73,0 |
| | ZZ | 105,9 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | EG | 75,3 |
| | IL | 82,3 |
| | JM | 119,0 |
| | MA | 112,2 |
| | PK | 52,7 |
| | TR | 62,2 |
| | ZZ | 84,0 |
| 0805 50 10 | EG | 81,5 |
| | MA | 44,0 |
| | TR | 60,2 |
| | ZZ | 61,9 |
| 0808 10 80 | CA | 89,7 |
| | CL | 67,7 |
| | CN | 93,5 |
| | MK | 25,2 |
| | US | 118,0 |
| | ZZ | 78,8 |
| 0808 20 50 | AR | 112,5 |
| | CL | 73,7 |
| | CN | 75,9 |
| | US | 119,1 |
| | ZA | 109,2 |
| | ZZ | 98,1 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi “ZZ” jirrappreżenta “oriġini oħra”.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 140/2009

## tad-19 ta' Frar 2009

## li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li d-differenza bejn il-prezzijiet tal-prodotti msemmija fil-Parti XVI ta' l-Anness għar-Regolament imsemmi fis-suq dinji u f'dak tal-Komunità tista' tiġi koperta minn rifużjoni ta' l-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, għandhom ikunu ffissati r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni skond ir-regoli u skond ċerti kriterji pprovduti bl-Artikoli 162, 163, 164, 167, 169 u 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, għandhom ikunu ffissati r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni skond ir-regoli u skond ċerti kriterji pprovduti bl-Artikoli 162, 163, 164, 167, 169 u 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(4) Skond il-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbblika Dominikana rigward il-protezzjoni fuq l-importazzjoni tal-ħalib tat-trab fir-Repubblika Dominikana ([2]) approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/486/KE ([3]), ċerta kwantità ta' prodotti tal-ħalib Komunitarji esportati lejn ir-Repubblika Dominikana jistgħu jibbenefikaw minn tnaqqis tad-dazji doganali. B'hekk, ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni mogħtija lill-prodotti esportati skond din l-iskema għandhom jitnaqqsu b'ċertu perċentwal.

(5) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni provduti bl-Artikolu 164 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament, bir-riserva tal-kundizzjonijiet provduti bl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2006 ([4]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Frar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 218, 6.8.1998, p. 46.

([3]) ĠU L 218, 6.8.1998, p. 45.

([4]) ĠU L 234, 29.8.2006, p. 4.

*ANNESS*

**Rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib mill-20 ta' Frar 2009**

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0401 30 31 9100 | L20 | EUR/100 kg | 10,43 |
| 0401 30 31 9400 | L20 | EUR/100 kg | 16,34 |
| 0401 30 31 9700 | L20 | EUR/100 kg | 18,02 |
| 0401 30 39 9100 | L20 | EUR/100 kg | 10,43 |
| 0401 30 39 9400 | L20 | EUR/100 kg | 16,34 |
| 0401 30 39 9700 | L20 | EUR/100 kg | 18,02 |
| 0401 30 91 9100 | L20 | EUR/100 kg | 20,56 |
| 0401 30 99 9100 | L20 | EUR/100 kg | 20,56 |
| 0401 30 99 9500 | L20 | EUR/100 kg | 30,26 |
| 0402 10 11 9000 | L20 [1] | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0402 10 19 9000 | L20 [1] | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0402 10 99 9000 | L20 | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0402 21 11 9200 | L20 | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0402 21 11 9300 | L20 | EUR/100 kg | 26,35 |
| 0402 21 11 9500 | L20 | EUR/100 kg | 27,36 |
| 0402 21 11 9900 | L20 [1] | EUR/100 kg | 29,00 |
| 0402 21 17 9000 | L20 | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0402 21 19 9300 | L20 | EUR/100 kg | 26,35 |
| 0402 21 19 9500 | L20 | EUR/100 kg | 27,36 |
| 0402 21 19 9900 | L20 [1] | EUR/100 kg | 29,00 |
| 0402 21 91 9100 | L20 | EUR/100 kg | 29,16 |
| 0402 21 91 9200 | L20 [1] | EUR/100 kg | 29,32 |
| 0402 21 91 9350 | L20 | EUR/100 kg | 29,59 |
| 0402 21 99 9100 | L20 | EUR/100 kg | 29,16 |
| 0402 21 99 9200 | L20 [1] | EUR/100 kg | 29,32 |
| 0402 21 99 9300 | L20 | EUR/100 kg | 29,59 |
| 0402 21 99 9400 | L20 | EUR/100 kg | 30,99 |
| 0402 21 99 9500 | L20 | EUR/100 kg | 31,49 |
| 0402 21 99 9600 | L20 | EUR/100 kg | 33,46 |
| 0402 21 99 9700 | L20 | EUR/100 kg | 34,55 |
| 0402 29 15 9200 | L20 | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0402 29 15 9300 | L20 | EUR/100 kg | 26,35 |
| 0402 29 15 9500 | L20 | EUR/100 kg | 27,36 |
| 0402 29 19 9300 | L20 | EUR/100 kg | 26,35 |
| 0402 29 19 9500 | L20 | EUR/100 kg | 27,36 |
| 0402 29 19 9900 | L20 | EUR/100 kg | 29,00 |
| 0402 29 99 9100 | L20 | EUR/100 kg | 29,16 |
| 0402 29 99 9500 | L20 | EUR/100 kg | 30,99 |
| 0402 91 10 9370 | L20 | EUR/100 kg | 2,88 |
| 0402 91 30 9300 | L20 | EUR/100 kg | 3,41 |
| 0402 91 99 9000 | L20 | EUR/100 kg | 20,56 |
| 0402 99 10 9350 | L20 | EUR/100 kg | 7,41 |
| 0402 99 31 9300 | L20 | EUR/100 kg | 10,43 |
| 0403 90 11 9000 | L20 | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0403 90 13 9200 | L20 | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0403 90 13 9300 | L20 | EUR/100 kg | 26,35 |
| 0403 90 13 9500 | L20 | EUR/100 kg | 27,36 |
| 0403 90 13 9900 | L20 | EUR/100 kg | 29,00 |
| 0403 90 33 9400 | L20 | EUR/100 kg | 26,35 |
| 0403 90 59 9310 | L20 | EUR/100 kg | 10,43 |
| 0403 90 59 9340 | L20 | EUR/100 kg | 16,34 |
| 0403 90 59 9370 | L20 | EUR/100 kg | 18,02 |
| 0404 90 21 9120 | L20 | EUR/100 kg | 16,21 |
| 0404 90 21 9160 | L20 | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0404 90 23 9120 | L20 | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0404 90 23 9130 | L20 | EUR/100 kg | 26,35 |
| 0404 90 23 9140 | L20 | EUR/100 kg | 27,36 |
| 0404 90 23 9150 | L20 | EUR/100 kg | 29,00 |
| 0404 90 81 9100 | L20 | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0404 90 83 9110 | L20 | EUR/100 kg | 19,00 |
| 0404 90 83 9130 | L20 | EUR/100 kg | 26,35 |
| 0404 90 83 9150 | L20 | EUR/100 kg | 27,36 |
| 0404 90 83 9170 | L20 | EUR/100 kg | 29,00 |
| 0405 10 11 9500 | L20 | EUR/100 kg | 53,66 |
| 0405 10 11 9700 | L20 | EUR/100 kg | 55,00 |

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0405 10 19 9500 | L20 | EUR/100 kg | 53,66 |
| 0405 10 19 9700 | L20 | EUR/100 kg | 55,00 |
| 0405 10 30 9100 | L20 | EUR/100 kg | 53,66 |
| 0405 10 30 9300 | L20 | EUR/100 kg | 55,00 |
| 0405 10 30 9700 | L20 | EUR/100 kg | 55,00 |
| 0405 10 50 9500 | L20 | EUR/100 kg | 53,66 |
| 0405 10 50 9700 | L20 | EUR/100 kg | 55,00 |
| 0405 10 90 9000 | L20 | EUR/100 kg | 57,01 |
| 0405 20 90 9500 | L20 | EUR/100 kg | 50,30 |
| 0405 20 90 9700 | L20 | EUR/100 kg | 52,32 |
| 0405 90 10 9000 | L20 | EUR/100 kg | 66,60 |
| 0405 90 90 9000 | L20 | EUR/100 kg | 55,00 |
| 0406 10 20 9640 | L04 | EUR/100 kg | 11,78 |
| | L40 | EUR/100 kg | 14,72 |
| 0406 10 20 9650 | L04 | EUR/100 kg | 9,82 |
| | L40 | EUR/100 kg | 12,27 |
| 0406 10 20 9830 | L04 | EUR/100 kg | 7,03 |
| | L40 | EUR/100 kg | 8,79 |
| 0406 10 20 9850 | L04 | EUR/100 kg | 6,85 |
| | L40 | EUR/100 kg | 8,56 |
| 0406 20 90 9913 | L04 | EUR/100 kg | 8,54 |
| | L40 | EUR/100 kg | 10,68 |
| 0406 20 90 9915 | L04 | EUR/100 kg | 11,61 |
| | L40 | EUR/100 kg | 14,51 |
| 0406 20 90 9917 | L04 | EUR/100 kg | 12,34 |
| | L40 | EUR/100 kg | 15,42 |
| 0406 20 90 9919 | L04 | EUR/100 kg | 13,79 |
| | L40 | EUR/100 kg | 17,24 |
| 0406 30 31 9730 | L04 | EUR/100 kg | 5,29 |
| | L40 | EUR/100 kg | 6,61 |
| 0406 30 31 9930 | L04 | EUR/100 kg | 5,69 |
| | L40 | EUR/100 kg | 7,11 |
| 0406 30 31 9950 | L04 | EUR/100 kg | 5,17 |
| | L40 | EUR/100 kg | 6,46 |
| 0406 30 39 9500 | L04 | EUR/100 kg | 4,62 |
| | L40 | EUR/100 kg | 5,77 |
| 0406 30 39 9700 | L04 | EUR/100 kg | 4,96 |
| | L40 | EUR/100 kg | 6,20 |
| 0406 30 39 9930 | L04 | EUR/100 kg | 5,31 |
| | L40 | EUR/100 kg | 6,64 |
| 0406 30 39 9950 | L04 | EUR/100 kg | 5,11 |
| | L40 | EUR/100 kg | 6,39 |
| 0406 40 50 9000 | L04 | EUR/100 kg | 12,47 |
| | L40 | EUR/100 kg | 15,59 |
| 0406 40 90 9000 | L04 | EUR/100 kg | 13,82 |
| | L40 | EUR/100 kg | 17,28 |
| 0406 90 13 9000 | L04 | EUR/100 kg | 17,58 |
| | L40 | EUR/100 kg | 21,98 |
| 0406 90 15 9100 | L04 | EUR/100 kg | 18,17 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,71 |
| 0406 90 17 9100 | L04 | EUR/100 kg | 18,17 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,71 |
| 0406 90 21 9900 | L04 | EUR/100 kg | 17,60 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,00 |
| 0406 90 23 9900 | L04 | EUR/100 kg | 15,93 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,91 |
| 0406 90 25 9900 | L04 | EUR/100 kg | 15,53 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,41 |
| 0406 90 27 9900 | L04 | EUR/100 kg | 14,06 |
| | L40 | EUR/100 kg | 17,58 |
| 0406 90 32 9119 | L04 | EUR/100 kg | 13,02 |
| | L40 | EUR/100 kg | 16,28 |
| 0406 90 35 9190 | L04 | EUR/100 kg | 18,63 |
| | L40 | EUR/100 kg | 23,29 |
| 0406 90 35 9990 | L04 | EUR/100 kg | 18,63 |
| | L40 | EUR/100 kg | 23,29 |
| 0406 90 37 9000 | L04 | EUR/100 kg | 17,58 |
| | L40 | EUR/100 kg | 21,98 |
| 0406 90 61 9000 | L04 | EUR/100 kg | 20,31 |
| | L40 | EUR/100 kg | 25,39 |

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0406 90 63 9100 | L04 | EUR/100 kg | 19,93 |
| | L40 | EUR/100 kg | 24,91 |
| 0406 90 63 9900 | L04 | EUR/100 kg | 19,93 |
| | L40 | EUR/100 kg | 24,91 |
| 0406 90 69 9910 | L04 | EUR/100 kg | 19,56 |
| | L40 | EUR/100 kg | 24,45 |
| 0406 90 73 9900 | L04 | EUR/100 kg | 16,20 |
| | L40 | EUR/100 kg | 20,25 |
| 0406 90 75 9900 | L04 | EUR/100 kg | 16,61 |
| | L40 | EUR/100 kg | 20,76 |
| 0406 90 76 9300 | L04 | EUR/100 kg | 14,65 |
| | L40 | EUR/100 kg | 18,31 |
| 0406 90 76 9400 | L04 | EUR/100 kg | 16,41 |
| | L40 | EUR/100 kg | 20,51 |
| 0406 90 76 9500 | L04 | EUR/100 kg | 15,02 |
| | L40 | EUR/100 kg | 18,77 |
| 0406 90 78 9100 | L04 | EUR/100 kg | 16,53 |
| | L40 | EUR/100 kg | 20,66 |
| 0406 90 78 9300 | L04 | EUR/100 kg | 15,87 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,84 |
| 0406 90 79 9900 | L04 | EUR/100 kg | 13,22 |
| | L40 | EUR/100 kg | 16,53 |
| 0406 90 81 9900 | L04 | EUR/100 kg | 16,41 |
| | L40 | EUR/100 kg | 20,51 |
| 0406 90 85 9930 | L04 | EUR/100 kg | 18,12 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,65 |
| 0406 90 85 9970 | L04 | EUR/100 kg | 16,61 |
| | L40 | EUR/100 kg | 20,76 |
| 0406 90 86 9200 | L04 | EUR/100 kg | 17,30 |
| | L40 | EUR/100 kg | 21,63 |
| 0406 90 86 9400 | L04 | EUR/100 kg | 17,60 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,00 |
| 0406 90 86 9900 | L04 | EUR/100 kg | 18,12 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,65 |
| 0406 90 87 9300 | L04 | EUR/100 kg | 15,89 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,86 |
| 0406 90 87 9400 | L04 | EUR/100 kg | 15,61 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,51 |
| 0406 90 87 9951 | L04 | EUR/100 kg | 16,12 |
| | L40 | EUR/100 kg | 20,15 |
| 0406 90 87 9971 | L04 | EUR/100 kg | 16,12 |
| | L40 | EUR/100 kg | 20,15 |
| 0406 90 87 9973 | L04 | EUR/100 kg | 15,82 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,78 |
| 0406 90 87 9974 | L04 | EUR/100 kg | 16,85 |
| | L40 | EUR/100 kg | 21,06 |
| 0406 90 87 9975 | L04 | EUR/100 kg | 16,50 |
| | L40 | EUR/100 kg | 20,63 |
| 0406 90 87 9979 | L04 | EUR/100 kg | 15,93 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,91 |
| 0406 90 88 9300 | L04 | EUR/100 kg | 13,82 |
| | L40 | EUR/100 kg | 17,28 |
| 0406 90 88 9500 | L04 | EUR/100 kg | 13,52 |
| | L40 | EUR/100 kg | 16,90 |

([1]) F'dak li jirrigwarda l-prodotti rilevanti mahsubin għall-esportazzjoni lejn ir-Repubblika Dominikana skond il-kwota għall-2008/2009 msemmija fid-Deċiżjoni 98/486/KE, u fil-ħarsien tal-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu III, Sezzjoni 3, tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006, għandhom japplikaw ir-rati li ġejjin:

(a) għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0402 10 11 9000 u 0402 10 19 9000 — 0,00 EUR/100 kg

(b) għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0402 21 11 9900, 0402 21 19 9900, 0402 21 91 9200 u 0402 21 99 9200 — 0,00 EUR/100 kg

Id-destinazzjonijiet l-oħrajn huma ddefiniti kif ġej:

L20: Id-destinazzjonijiet kollha għajr:

(a) pajjiżi terzi: Andorra, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein u l-Istati Uniti ta' l-Amerika;

(b) it-territorji ta' l-Istati Membri ta' l-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: il-Gżejjer Faeroe, Greenland, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Lokalitajiet ta' Livigno u Campione d'Italia, u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv

(ċ) it-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru li ma jagħmilx parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.

(d) id-destinazzjoni imsemmija fl-Artikolu 36(1), l-Artikolu 44(1) u l-Artikolu 45(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 (ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11).

L04: l-Albanija, il-Bożnja u Ħerżegovina, is-Serbja, Kosovo (*), il-Montenegro u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

L40: Id-destinazzjonijiet kollha għajr:

(a) pajjiżi terzi: L04, Andorra, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Kroazja, it-Turkija, l-Awstralja, il-Kanada, in-New Zealand u l-Afrika t'Isfel;

(b) it-territorji ta' l-Istati Membri ta' l-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: il-Gżejjer Faeroe, Greenland, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Lokalitajiet ta' Livigno u Campione d'Italia, u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv;

(ċ) it-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru li ma jagħmilx parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.

(d) id-destinazzjoni imsemmija fl-Artikolu 36(1), l-Artikolu 44(1) u l-Artikolu 45(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 (ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11).

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 141/2009

## tad-19 ta’ Frar 2009

## li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni tal-esportazzjoni tal-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien ma’ l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta’ Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni tal-esportazzjoni li tikkonċerna ċerti prodotti tal-ħalib ([2]) jipprovdi stedina permanenti għall-offerti.

(2) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 tal-10 ta’ Diċembru 2007 li jistipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta’ offerta għall-iffissar ta’ rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli ([3]) u wara stħarriġ tal-offerti mressqa b’reazzoni għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li jiġi ffissat ammont massimu ta’ rifużjoni tal-esportazzjoni għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fis-17 ta’ Frar 2009.

(3) Il-Kumitat ta’ Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti miftuħa bir-Regolament (KE) 619/2008 għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fis-17 ta’ Frar 2009, l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-prodotti u destinazzjoniet imsemmija fl-Artikolu 1(a) u (b) u fl-Artikolu 2 rispettivament tar-Regolament imsemmi huma stabbilit fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta’ Frar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta’ Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.

([3]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

*ANNESS*

*(EUR/100 kg)*

| Prodott | Kodiċi tan-nomenklatura għar-rifużjoni għall-esportazzjoni | L-ammont massimu ta' refużjoni tal-esportazzjoni għall-esportazzjoni fid-destinazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 619/2008 |
|---|---|---|
| Butir | ex 0405 10 19 9700 | 60,00 |
| Żejt tal-butir *(butteroil)* | ex 0405 90 10 9000 | 73,00 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 142/2009

## tad-19 ta' Frar 2009

## li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni tal-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni tal-esportazzjoni li tikkonċerna ċerti prodotti tal-ħalib [2] jipprovdi stedina permanenti għall-offerti.

(2) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 tal-10 ta' Diċembru 2007 li jistipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta' offerta għall-iffissar ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli [3] u wara stħarriġ ta' l-offerti mressqa b'reazzoni għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li jiġi ffissat ammont massimu ta' rifużjoni tal-esportazzjoni għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fis-17 ta' Frar 2009.

(3) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fis-17 ta' Frar 2009, l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(a) u (b) u fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi hu ffissat EUR 21,98/100 kg.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Frar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

[2] ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.

[3] ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 143/2009**

**tad-19 ta’ Frar 2009**

**li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95**

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika]) (1), u b’mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta’ Ottubru 1975 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin, u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 (2) stipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tad-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u stipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontrolli regolari ta’ l-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta’ ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skond l-oriġini. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ppublikati prezzijiet rappreżentattivi.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq, jeħtieġ li din l-emenda tiġi applikata malajr kemm jista’ jkun.

(4) Il-miżuri pprovduti f’dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta’ Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta’ Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47.

*ANNESS*

**għar-Regolament tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2009 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95**

*"ANNESS I*

| Kodiċi NM | Deżinjazzjoni tal-merkanzija | Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg) | Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (f'EUR/100 kg) | Oriġini [1] |
|---|---|---|---|---|
| 0207 12 10 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati | 114,6 | 0 | BR |
| | | 116,4 | 0 | AR |
| 0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati | 129,4 | 0 | BR |
| | | 124,6 | 0 | AR |
| 0207 14 10 | Qatgħat dissussati ta' sreidak jew ta' tiġieġ, iffriżati | 213,4 | 26 | BR |
| | | 252,7 | 14 | AR |
| | | 282,7 | 5 | CL |
| 0207 14 50 | Sdieri tat-tiġieġ, iffriżati | 192,0 | 6 | BR |
| 0207 14 60 | Koxox tat-tiġieġ, iffriżati | 125,5 | 5 | BR |
| 0207 25 10 | Karkassi tad-dundjani preżentazzjoni 80 %, iffriżati | 213,5 | 0 | BR |
| 0207 27 10 | Qatgħat dissussati tad-dundjani, iffriżati | 194,6 | 31 | BR |
| | | 251,3 | 14 | CL |
| 0408 11 80 | Isfra tal-bajd | 422,1 | 0 | AR |
| 0408 91 80 | Bajd imnixxef bla qoxra | 426,2 | 0 | AR |
| 1602 32 11 | Preparazzjonijiet nejjin ta' sriedak u tiġieġ | 234,8 | 16 | BR |
| 3502 11 90 | Albumini mnixxfa tal-bajd | 602,4 | 0 | AR |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi 'ZZ' jirrappreżenta 'oriġini oħra'."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 144/2009

## tad-19 ta' Frar 2009

## li jiffissa r-rati tar-rifużjonijiet applikabbli għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib esportati fis-sura ta' oġġetti mhux koperti mill-Anness I tat-Trattat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 164(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 162(1)b tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula li d-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq internazzjonali għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(p) u mniżżla fil-Parti XVI tal-Anness I ta' dak ir-Regolament u l-prezzijiet fi ħdan il-Komunità jistgħu jkunu koperti minn rifużjoni ta' esportazzjoni fejn dawn l-oġġetti huma esportati fis-suq ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 tat-30 ta' Ġunju 2005 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 fir-rigward tas-sistema tal-konċessjoni ta' rifużjonijiet fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fl-għamla ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji sabiex jiġi ffissat l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet ([2]), jispeċifika l-prodotti li se jkollhom rata ta' rifużjoni ffissata, li għandha tiġi applikata meta dawn il-prodotti huma esportati f'sura ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Skont it-tieni paragrafu, is-subparagrafu (a) tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005, ir-rata ta' rifużjoni għal kull 100 kilogramma għal kull wieħed mill-prodotti bażiċi kkonċernati għandha tiġi ffissata għal perjodu tal-istess tul bħal dak tar-rifużjonijiet li huma ffissati għall-istess prodotti esportati mingħajr ma ġew ipproċessati.

(4) L-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar l-Agrikultura konkluż taħt ir-Rawnd tal-Urugwaj jistipula li r-rifużjoni tal-esportazzjoni ta' prodott li jinsab f'oġġett ma tistax taqbeż ir-rifużjoni applikabbli għal dak il-prodott meta esportat mingħajr aktar proċessar.

(5) Madankollu, fil-każ ta' ċerti prodotti tal-ħalib esportati fis-sura ta' oġġetti li mhumiex koperti mill-Anness I tat-Trattat, hemm il-periklu li, jekk ir-rati ta' rifużjoni għoljin ikunu ffissati bil-quddiem, l-impenji b'rigward għal dawk ir-rifużjonijiet jistgħu jitqiegħdu fil-periklu. Għalhekk, sabiex jiġi evitat dan il-periklu, jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni, iżda mingħajr ma tiġi prekluża l-konklużjoni ta' kuntratti fit-tul. L-iffissar ta' rati ta' rifużjoni speċifiċi għall-iffissar bil-quddiem ta' rifużjonijiet b'rigward ta' dawk il-prodotti għandu jippermetti li jiġu ssodisfatti dawk iż-żewġ għanijiet.

(6) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jistipula li, meta r-rata tar-rifużjoni tkun iffissata, jitqiesu, fejn xieraq, ir-rifużjonijiet tal-produzzjoni, l-għajnuniet jew miżuri oħra li jkollhom effett ekwivalenti applikabbli fl-Istati Membri kollha skont ir-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli għall-prodotti bażiċi mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jew għal prodotti assimilati.

(7) L-Artikolu 100(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula l-ħlas ta' għajnuna għall-ħalib xkumat prodott fil-Komunità li hu proċessat f'kaseina jekk tali ħalib u l-kaseina prodotti minnu jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2005 tad-9 ta' Novembru 2005 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 b'rigward għall-miżuri għar-rimi tal-krema, il-butir u l-butir konċentrat ([3]) jistipula li l-butir u l-krema bi prezzijiet imnaqqsa għandhom ikunu disponibbli għall-industrija li jipproduċu ċerti oġġetti.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1

([2]) ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24.

([3]) ĠU L 308, 25.11.2005, p. 1.

(9) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rati ta' rifużjonijiet applikabbli għall-prodotti bażiċi mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 u fil-Parti XVI tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u esportati fis-sura ta' oġġetti mniżżla fil-Parti IV tal-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom jiġu ffissati kif stipulat fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Frar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Heinz ZOUREK

*Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija*

*ANNESS*

**rati ta’ rifużjonijiet applikabbli mill-20 ta’ Frar 2009 għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati bħala merkanzija mhux koperta mill-Anness I tat-trattat** ([1])

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta’ rifużjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Fil-każ ta’ stipular ta’ rifużjonijiet bil-quddiem | Oħrajn |
| ex 0402 10 19 | Ħalib tat-trab, imrammel jew f’forom oħra solidi, li m’għandhomx zokkor jew tipi ta’ ħlewwiet oħra miżjuda, li għandhom piż ta’ xaħam li ma jaqbiżx il-1,5 % (PG 2): | | |
| | (a) Fuq l-esportazzjoni ta’ merkanzija tal-kodiċi NM 3501 | — | — |
| | (b) Fuq l-esportazzjoni ta’ merkanzija oħra | 19,00 | 19,00 |
| ex 0402 21 19 | Ħalib tat-trab, imrammel jew f’forom oħra solidi, li m’għandhomx zokkor jew tipi ta’ ħlewwiet oħra miżjuda, li għandhom piż ta’ xaħam li ma jaqbiżx is-26 % (PG 3): | | |
| | (a) Fejn merkanzija mħallta, bħala prodotti assimilati għal PG 3, butir bi prezz imraħħas jew krema miksuba insegwitu għar-Regolament (KE) Nru 1898/2005 huma esportati | 31,50 | 31,50 |
| | (b) Fuq l-esportazzjoni ta’ merkanzija oħra | 29,00 | 29,00 |
| ex 0405 10 | Butir, li għandu piż ta’ xaħam ta’ 82 % (PG 6): | | |
| | (a) Fejn prodotti li jkollhom butir bi prezz imraħħas jew krema li ġiet prodotta bi qbil mal-kondizzjonijiet ipprovduti għalihom fir-Regolament (KE) Nru 1898/2005 huma esportati | 55,00 | 55,00 |
| | (b) Fuq l-esportazzjoni ta’ merkanzija tal-kodiċi NM 2106 90 98 li jkollhom 40 % jew iżjed skond il-piż ta’ xaħam tal-ħalib | 56,28 | 56,28 |
| | (ċ) Fuq l-esportazzjoni ta’ prodotti oħra | 55,00 | 55,00 |

([1]) Ir-rati stipulati f’dan l-Anness ma japplikawx għall-esportazzjonijet lejn
(a) pajjiżi terzi: Andorra, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein, l-Istati Uniti ta’ l-Amerka u l-oġġetti mniżżla fit-Tabelli I u II tal-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta’ Lulju 1972 esportati lill-Konfederazzjoni Żvizzera.
(b) it-territorji ta’ l-Istati Membri ta’ l-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ceuta, Melilla, il-Komuni ta’ Livigno u Campione fl-Italia, Heligoland, il-Groenlandja, il-Gżejjer Faroe u ż-żoni tar-Repubblika ta’ Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta’ Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.
(ċ) It-territorji Ewropej li relazzjonijiet esterni tagħhom huma r-responsabbiltà ta’ l-Istati Membri u li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.
(d) id-destinazzjoni imsemmija fl-Artikolu 36(1), l-Artikolu 44(1) u l-Artikolu 45(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 (ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11).

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tad-19 ta' Frar 2009**

**li testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri fid-Deċiżjoni 2002/148/KE li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet maż-Żimbabwe taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija tal-ACP-KE**

(2009/144/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]) u rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ([2]),

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar miżuri li għandhom jittieħdu u proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE ([3]) u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/148/KE ([4]), il-konsultazzjonijiet mar-Repubblika taż-Żimbabwe skont l-Artikolu 96(2)(c) tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE ġew konklużi u ttieħdu miżuri adatti, kif speċifikat fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni,

(2) Bid-Deċiżjoni 2008/158/KE ([5]), l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2002/148/KE, li ġiet estiża sal-20 ta' Frar 2004 bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2003/112/KE ([6]), sal-20 ta' Frar 2005 bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2004/157/KE ([7]), sal-20 ta' Frar 2006 bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2005/139/KE ([8]) sal-20 ta' Frar 2007 bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2006/114/KE ([9]) u sat-18 ta' Frar 2008 bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2007/127/KE ([10]) ġiet estiża għal perijodu ieħor ta' 12-il xahar sal-20 ta' Frar 2009.

(3) L-elementi essenzjali ċċitati fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE għadhom qegħdin jiġu miksura mill-Gvern taż-Żimbabwe u l-kondizzjonijiet attwali fiż-Żimbabwe ma jiżgurawx ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt.

(4) Il-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri għandu għalhekk jiġi estiż,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2002/148/KE għandu jkun estiż sal-20 ta' Frar 2010. Il-miżuri għandhom jinżammu taħt reviżjoni kontinwa.

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([2]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 26.
([3]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376.
([4]) ĠU L 50, 21.2.2002, p. 64.
([5]) ĠU L 51, 26.2.2008, p. 19.
([6]) ĠU L 46, 20.2.2003, p. 25.
([7]) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 60.
([8]) ĠU L 48, 19.2.2005, p. 28.
([9]) ĠU L 48, 18.2.2006, p. 26.
([10]) ĠU L 53, 22.2.2007, p. 23.

L-ittra fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandha tkun indirizzata lill-President taż-Żimbabwe.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Frar 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ŘÍMAN

*ANNESS*

**ITTRA LILL-PRESIDENT TAŻ-ŻIMBABWE**

Brussell,

L-Unjoni Ewropea tagħti importanza kbira lid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE. Bħala elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Sħubija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istituzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt jiffurmaw il-bażi tar-relazzjonijiet tagħna.

Bl-ittra tad-19 ta' Frar 2002, l-Unjoni Ewropea infurmatek bid-Deċiżjoni tagħha li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE u li tieħu ċerti "miżuri adatti" fis-sens tal-Artikolu 96(2)(c) ta' dak il-Ftehim.

Bl-ittri tad-19 ta' Frar 2003, id-19 ta' Frar 2004, it-18 ta' Frar 2005, il-15 ta' Frar 2006, il-21 ta' Frar 2007 u d-19 ta' Frar 2008, l-Unjoni Ewropea infurmatek bid-deċiżjonijiet tagħha li ma kenitx ser tirrevoka l-"miżuri adatti" u li kienet ser testendi l-perijodu ta' applikazzjoni sal-20 ta' Frar 2004, l-20 ta' Frar 2005, l-20 ta' Frar 2006, l-20 ta' Frar 2007, l-20 ta' Frar 2008 u l-20 ta' Frar 2009 rispettivament.

L-Unjoni Ewropea tilqa' l-fatt li ntlaħaq qbil bejn il-partijiet fiż-Żimbabwe taħt il-gwida tal-SADC. Hi tittama li l-gvern il-ġdid ser juri l-impenn tiegħu għar-riforma, inkluż dik fir-rigward ta' l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni.

Madankollu, 12-il xahar wara l-adozzjoni tal-aħħar deċiżjoni dwar il-miżuri adatti, l-Unjoni Ewropea tqis li ma sar l-ebda progress sinifikanti fil-ħames oqsma msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002.

Fid-dawl tas-suespost, l-Unjoni Ewropea ma tqisx li tista' tirrevoka l-miżuri adatti u ddeċidiet li testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tagħhom sal-20 ta' Frar 2010, filwaqt li tistenna l-ftuħ mill-ġdid tal-konsultazzjonijiet.

L-Unjoni Ewropea tixtieq terġa' tenfasizza li mhix qiegħda tippenalizza lin-nies taż-Żimbabwe u li ser tkompli bil-kontribut tagħha għall-operazzjonijiet ta' natura umanitarja u għall-proġetti b'sostenn dirett tal-popolazzjoni, fi proġetti partikolari fis-setturi soċjali, id-demokratizzazzjoni, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, li mhumiex affettwati b'dawn il-miżuri.

L-Unjoni Ewropea tixtieq ittenni li l-applikazzjoni tal-miżuri adatti fis-sens ta' l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE ma' toħloq ebda xkiel għad-djalogu politiku kif previst fl-Artikolu 8 ta' dak il-Ftehim.

B'dan il-ħsieb, l-Unjoni Ewropea tixtieq għal darba oħra tenfasizza l-importanza li hi tagħti lill-koperazzjoni futura bejn il-KE u ż-Zimbabwe u tikkonferma r-rieda tagħha li tkompli bid-djalogu u li fil-futur qrib tagħmel progress lejn sitwazzjoni fejn terġa' ssir possibbli koperazzjoni sħiħa.

Dejjem tiegħek,

*Għall-Kummissjoni* *Għall-Kunsill*

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-10 ta' Diċembru 2008**

**dwar l-Għajnuna mill-Istat C 15/2006 (eks N 291/2000) li Franza qed tippjana li timplimenta favur Pilkington/Interpane**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7799)*

**(Il-verżjoni bil-Franċiż biss hija awtentika)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/145/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 tal-Kunsill dwar ir-regoli għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [1] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament ta' Proċedura"), b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom skont l-Artikoli [2] msemmija hawn fuq u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' ittra datata t-22 ta' Mejju 2000, irreġistrata fil-25 ta' Mejju 2000 (A/34298), Franza nnotifikat, skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas multisettorjali dwar l-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment [3] (minn issa 'l quddiem: "MSF 1998"), għajnuna favur żewġ kumpaniji pubbliċi Franċiżi Pilkington France SAS u Interpane Glass Coating France SAS li jappartjenu b'mod konġunt liż-żewġ gruppi internazzjonali li jimmanifatturaw il-ħġieġ Interpane u Pinkington. Fis-7 ta' Ġunju 2000, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali. Franza ppreżentat informazzjoni addizzjonali permezz ta' ittri datati t-13 ta' Ġunju 2000, irreġistrata fl-14 ta' Ġunju 2000 (A/34798), it-30 ta' Ġunju 2000, irreġistrata fit-3 ta' Lulju 2000 (A/35410), u t-30 ta' Ġunju 2000, irreġistrata fit-3 ta' Lulju 2000 (A/35411).

(2) Permezz tad-Deċiżjoni tagħha tas-17 ta' Awwissu 2000 [4] (minn issa 'l quddiem "id-Deċiżjoni 2000"), il-Kummissjoni approvat, taħt ir-referenza SG(2000) D/106264, l-intensità ta' għajnuna lil Pilkington/Interpane innotifikata skont l-MFS 1998.

(3) Intbagħtu rapporti annwali minn Franza, b'kooperazzjoni mal-kumpaniji benefiċjarji tal-għajnuna, fis-17 ta' Ottubru 2002, fit-18 ta' Awwissu 2003, u fil-31 ta' Awwissu 2004 fil-qafas tal-kontroll sussegwenti tal-applikazzjoni korretta tad-deċiżjonijiet meħuda fil-qafas tal-MSF 1998 (punt 6.4) u b'mod konformi mad-Deċiżjoni 2000.

(4) Permezz ta' ittra datata t-13 ta' Jannar 2005, irreġistrata fl-istess ġurnata (A/30447), u permezz ta' ittra datata t-13 ta' Ġunju 2005, irreġistrata fl-14 ta' Ġunju 2005 (A/34734), l-awtoritajiet Franċiżi infurmaw lill-Kummissjoni li l-informazzjoni sottomessa fin-notifika li wasslet għad-Deċiżjoni 2000 ma kinitx tajba, b'mod partikolari f'dak li kellu x'jaqsam mal-kalkolu tal-ammont ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju, u talbu lill-Kummissjoni biex tibdel id-Deċiżjoni 2000.

(5) Permezz ta' ittra datata s-6 ta' Marzu 2006 (D/57979), b'mod konformi mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Proċedura, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Franċiżi biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-intenzjoni tagħha li tirrevoka d-deċiżjoni. L-awtoritajiet Franċiżi issottomettew l-opinjonijiet tagħhom permezz ta' e-mail datata s-16 ta' Marzu 2006, irreġistrata fis-17 ta' Marzu 2006 (A/32057).

(1) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.
(2) ĠU C 196, 19.8.2006, p. 3.
(3) ĠU C 107, 7.4.1998, p. 7.
(4) ĠU C 293, 14.10.2000, p. 7.

(6) Permezz ta' ittra datata s-26 ta' April 2006, il-Kummissjoni infurmat lil Franza dwar id-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE fir-rigward tal-għajnuna msemmija sabiex tirrevoka d-deċiżjoni tagħha tas-17 ta' Awwissu 2000 u tadotta deċiżjoni ġdida. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([1]). Il-Kummissjoni talbet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar l-għajnuna fil-kwistjoni.

(7) Franza ssottomettiet il-kummenti tagħha permezz ta' e-Mail fit-2 ta' Ġunju 2006.

(8) Il-Kummissjoni ma rċevietx kummenti dwar dan min-naħa tal-partijiet interessati.

(9) Permezz ta' ittra datata t-12 ta' Settembru 2007 (D/53668), il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali. Franza ppreżentat risposta parzjali permezz ta' ittra datata l-21 ta' Diċembru 2007 (A/40607), u kkompletat din ir-risposta permezz ta' e-Mail datata t-30 ta' Mejju 2008 (A/10204).

(10) Permezz ta' e-Mails datati s-16 ta' Settembru u d-19 ta' Settembru 2008 (A/19328 u A/19263), Franza ssottomettiet informazzjoni ġdida, li tkompliet permezz ta' e-Mail datata l-24 ta' Ottubru 2008 (A/22746).

## 2. DESKRIZZJONI TAL-GĦAJNUNA

### 2.1. Il-benefiċjarji tal-għajnuna

(11) Id-deskrizzjoni tal-benefiċjariu hawn taħt turi s-sitwazzjoni hekk kif kienet fis-sena 2000.

#### 2.1.1. *Il-kumpaniji kkonċernati*

(12) Fin-notifika tagħha tas-sena 2000, Franza infurmat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tagħti għajnuna reġjonali lil żewġ kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata Franċiżi (inkorporati fil-forma ta' *sociétés par actions simplifiées*), li jappartjenu b'mod konġunt lil żewġ gruppi li jimmanifatturaw il-ħġieġ, Interpane u Pilkington, u li jisimhom rispettivament Pilkington Glass France SAS u Interpane Glass Coating France SAS ("PGF/IGCF").

(13) Is-sjieda tal-kumpaniji konġunti mhix maqsuma b'mod indaqs bejn iż-żewġ impriżi ewlenin (ara d-dijagramma 1):

— PGF hija 51 % proprjetà ta' Pilkington u 49 % proprjetà ta' Interpane,

— IGCF hija 51 % proprjetà ta' Interpane u 49 % proprjetà ta' Pilkington.

*Figura 1*

**Struttura legali tal-kumpaniji.**




(14) Iż-żewġ kumpaniji ġodda benefiċjarji tal-għajnuniet pubbliċi huma impriżi konġunti ta' produzzjoni. Dawn mhux ser jaġixxu b'mod awtonomu fis-suq. L-attivitajiet tagħhom ser ikunu immirati biss biex jipprovdu lill-impriżi ewlenin bi ħġieġ ċatt "float" mhux ipproċessat u li għadda minn ipproċessar tal-ewwel stadju għall-konsum proprju tagħhom jew għall-bejgħ ulterjuri fuq is-suq.

#### 2.1.2. *It-twaqqif tal-impriżi konġunti*

(15) It-twaqqif tal-impriżi konġunti kien is-suġġett ta' notifika, permezz ta' ittra datata s-7 ta' April 2000, skont l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE ([2]), sabiex tinkiseb eżenzjoni individwali skont l-Artikolu 81(3) tat-Trattat tal-KE.

([1]) ĠU C 196, 19.8.2006, p. 3

([2]) Ir-Regolamenti tal-Kunsill Nru 17 (ĠU 13, 21.2.1962, p. 204/62).

(16) Il-partijiet li ppreżentaw in-notifika qablu li n-notifika tiġi ttrattata permezz ta' ittra amministrattiva ta' klassifikazzjoni.

(17) Fid-29 ta' Ġunju 2000, żewġ ittri amministrattivi ta' klassifikazzjoni ġew indirizzati mill-Kummissjoni lil kull waħda mill-partijiet li ppreżentaw in-notifika, fejn infurmathom li:

— il-ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet restrittivi tal-kompetizzjoni li jaqgħu taħt il-projbizzjoni tal-Artikolu 81(1) tat-Trattat tal-KE;

— id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni jikkunsidra li l-partijiet li ppreżentaw in-notifika issottomettew ġustifikazzjonijiet suffiċjenti li jippermettu l-konklużjoni li l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat tal-KE huma ssodisfati;

— b'konsegwenza ta' dan, id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni jikkunsidra li mhux meħtieġ li tingħalaq il-proċedura u jipproponi li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 81(3) tat-Trattat tal-KE, skont il-proċedura stabbilita fir-Regolament nru.17 ([1]) ta' qabel.

(18) Dawn l-ittri amministrattivi ta' klassifikazzjoni ntbagħtu wara analiżi ekonomika tas-sitwazzjoni, li tista' tiġi sintetiżizzata kif ġej:

— L-operazzjoni nnotifikata tikkonsisti fit-twaqqif ta' żewġ impriżi konġunti ta' kooperazzjoni;

— Il-ftehimiet innotifikati jikkonċernaw:

(a) il-produzzjoni mill-impriżi konġunti ta' prodotti mhux ipproċessati jew ta' prodotti intermedjarji li jinbidlu fi prodotti lesti mill-fondaturi jew mibjugħa min-netwerks ta' distribuzzjoni tagħhom stess;

(b) il-forniment esklużiv mill-impriżi konġunti lill-fondaturi; dan il-ftehim huwa anċillari għall-istabbiliment tal-impriżi konġunti minħabba li wieħed ma jistax jifirdu mill-impriżi konġunti mingħajr ma jipperikola l-eżistenza ta' dan;

— Teżisti preżunzjoni serja li l-impriżi konġunti jaqgħu fl-ambitu ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) tat-Trattat tal-KE, peress li:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva huwa probabli bejn impriżi konġunti;

(b) il-kooperazzjoni bejn żewġ kompetituri kbar tista' twassal għall-koordinazzjoni tal-aġir tal-partijiet fis-suq ikkonċentrat ħafna tal-ħġieġ miksi.

— Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni analizza l-ftehimiet fid-dawl tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat tal-KE u kkonkluda li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) huma ssodisfati, wara li l-partijiet ikkonfermaw li l-klawżola 2 tal-ftehim ta' forniment esklużiv tneħħiet. Din il-klawżola, li n-natura anċillari tagħha kienet dubjuża, kienet tistipula li Pilkington u Interpane setgħu fi kwalunkwe ħin jiksbu provvisti skont il-ħtiġijiet tagħhom minn fabbriki differenti miż-żewġ impriżi konġunti.

2.1.3. *L-imsieħba*

(19) L-impriżi benefiċjarji jappartjenu b'mod konġunt liż-żewġ gruppi internazzjonali Interpane u Pilkington li jimmanifatturaw il-ħġieġ.

(20) Il-kumpanija Interpane twaqqfet fl-1971 mis-Sur Georg Hesselbach, proprjetarju maġġoritarju attwali u president tal-bord tad-diretturi tal-grupp Interpane. Illum il-grupp huwa attiv fid-dinja kollha fl-industrija tal-ħġieġ għall-bini u oqsma relatati (manifattura ta' twieqi fil-Ġermanja u fl-Istati Uniti, manifattura ta' tagħmir għall-industrija tal-ħġieġ fil-Ġermanja).

(21) Fl-Ewropa, l-attivitajiet tal-grupp (15-il kumpanija fl-1999) huma ċċentrati fuq it-trattament, l-ipproċessar u l-irkupru tal-ħġieġ għall-bini. Mill-1998, Interpane fetħet fi Franza wara li nxtraw żewġ kumpaniji tal-ipproċessar tal-ħġieġ (f'Hoerdt fl-Alsazja u f'Mitry-Mory fir-reġjun ta' Pariġi). Il-kumpaniji sussidjarji Ewropej huma miġbura taħt il-kumpanija holding Interpane Glas Industrie AG bl-uffiċċju prinċipali tagħha fi 37697 Lauenförde fil-Ġermanja. Din il-kumpanija holding hija 88 % proprjetà tal-familja Hesselbach u 12 % proprjetà tal-bank pubbliku Ġermaniż Nord/LB.

([1]) L-ewwel Regolament ta' applikazzjoni tal-Artikoli 81 u 82 KE (li qabel kienu l-Artikoli 86 u 87).

(22) Il-kumpanija holding għandha, flimkien mal-kumpanija holding Olandiża Interpane NV, bil-medjazzjoni tal-kumpanija holding Interpane Glass Manufacturing BV, l-ishma tal-grupp Interpane fil-kumpaniji konġunti benefiċjarji tal-għajnuna. Interpane NV u Interpane Glass Manufacturing BV ġew stabbiliti b'mod speċjali għal din l-operazzjoni. Huma l-proprjetà tal-familja Hesselbach biss jew b'mod konġunt ma' Nord/LB.

(23) Il-grupp Pilkington huwa wieħed mill-gruppi ewlenin fis-settur tal-ħġieġ. L-attivitajiet tiegħu jkopru l-oqsma industrijali kollha ta' dan is-settur: manifattura, trattament u pproċessar tal-ħġieġ għall-industrija tal-kostruzzjoni (49 % tal-attivitajiet) u l-industrija tal-karozzi (44 %), u produzzjoni ta' ħġieġ speċjali. L-uffiċju prinċipali tal-grupp jinsab fl-Ingilterra. Il-grupp għandu 24 kumpanija sussidjarja ta' manifattura mxerrda mad-dinja kollha (l-Ewropa, l-Amerika ta' Fuq u t'Isfel, l-Ażja/il-Paċifiku).

(24) L-ishma tal-grupp fil-kumpaniji konġunti li jinsabu fi Freyming-Merlebach huma miżmuma mill-kumpanija holding Olandiża Pilkington BV.

*Tabella 1*

**Il-fatturat**

*(F'miljuni ta' EUR)*

Grupp Interpane

| | Dinja/Ewropa ([1]) | Franza ([2]) |
|---|---|---|
| 1996 | 107 | 0 |
| 1997 | 114 | 0 |
| 1998 | 118 | 0 |

Grupp Pilkington

| | Dinja | Ewropa | Franza |
|---|---|---|---|
| 1996/1997 | 4 380 | 2 730 | 69,5 |
| 1997/1998 | 4 830 | 2 500 | 75,0 |
| 1998/1999 | 5 000 | 2 410 | 73,0 |

*NB*: Il-figuri għal Interpane setgħu jinkisbu b'rata ta' DM għal kull 3,35 FF (rata 1999). Il-figuri għal Pilkington setgħu jinkisbu b'rata ta' £ għal kull 10,60 FF (rata 01/2000).

([1]) Holding Interpane Glas Industrie AG.

([2]) Żewġ sussidjarji tal-grupp Interpane ilhom attivi fi Franza fis-settur tal-ħġieġ iżolanti mill-1998: Interpane Hoerdt SA (67) u Interpane Ile-de-France f' Mitry-Mory (77). Dawn is-sussidjarji kienu jimpjegaw 97 persuna fl-1999.

*Tabella 2*

**L-impjegati tal-gruppi**

*(F'miljuni ta' EUR)*

Grupp Interpane

| | Id-Dinja | L-Ewropa ([1]) | Franza ([2]) |
|---|---|---|---|
| 1996 | MD | 703 | 0 |
| 1997 | MD | 721 | 0 |
| 1998 | 1 748 | 732 | 65 |

Grupp Pilkington

| | Id-Dinja | L-Ewropa | Franza |
|---|---|---|---|
| 1996/1997 | 39 100 | 24 200 | 537 |
| 1997/1998 | 37 800 | 23 500 | 524 |
| 1998/1999 | 32 300 | 20 500 | 497 |

([1]) Holding Interpane Glas Industrie AG.

([2]) Żewġ sussidjarji tal-grupp Interpane ilhom attivi fi Franza fis-settur tal-ħġieġ iżolanti mill-1998: Interpane Hoerdt SA (67) u Interpane Ile-de-France f' Mitry-Mory (77). Dawn is-sussidjarji kienu jimpjegaw 97 persuna fl-1999.

## 2.2. **Il-proġett ta' investiment**

(25) L-impriżi konġunti jinsabu fiż-żona ta' impjieg ta' Freyming-Merlebach li kienet żona assistita fit-termini tal-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE għall-perjodu 2000-2006 ([1]) li fih l-intensità ta' għajnuniet pubbliċi għall-investiment tista' tilħaq 15 % ESN (Ekwivalenti ta' Sussidju Nett).

(26) Skont l-informazzjoni ipprovduta minn Franza, il-proġett ta' investiment huwa miżmum minn żewġ kumpaniji konġunti distinti minħabba koproprjetà tal-installazzjonijiet ta' produzzjoni. Il-proġett ta' investiment jibqa' madankollu għalkollox integrat u uniku: l-impjant ta' manifattura ta' ħġieġ ċatt kien mill-bidunett destinat għall-forniment parzjali lill-impjant konġunt għall-ipproċessar tal-ħġieġ u dan it-tieni impjant jinsab fis-sit biss għax il-fornitur ta' ħġieġ "float" jinsab maġenbu. Dejjem skont l-istess informazzjoni, l-integrazzjoni tal-proġett hija konkretizzata permezz tal-pożizzjoni tal-linji tal-proċess ta' "floating" laminazzjoni u kisi fl-istess bini. Għaldaqstant, Franza tikkunsidra li l-proġett ta' investiment konġunt fis-sit ta' Lorraine huwa "investiment tanġibbli għall-ħolqien ta' stabbiliment ġdid" fis-sens tal-punt 7.2 tal-MSF 1998. Hemm żewġ benefiċjarji tal-għajnuniet imma proġett ta' investiment waħdieni huwa s-suġġett tal-għajnuniet pubbliċi.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-15 ta' Marzu 2000 li tiddefinixxi d-dokument il-ġdid tal-għajnuniet bi skop reġjonali 2000-2006 għal Franza (Nru 45/2000).

(27) Il-bidu tal-produzzjoni kien previst għall-aħħar tal-ewwel semestru 2001. Is-sistema sħiħa ta' produzzjoni kienet prevista wara ħames snin ta' ħidma, jiġifieri fl-2006-2007. Il-produzzjoni ta' ħġieġ ċatt kellha tirrappreżenta 147 000 tunnellati fl-ewwel sena sħiħa 2001-2002 biex tilħaq progressivament volum ta' prodotti li jistgħu jintużaw ta' 260 000 tunnellati fis-sena meta tkun operattiva s-sistema sħiħa mill-2006.

(28) Il-proġett għandu l-għan li jinbena impjant ta' produzzjoni integrat tal-ħġieġ ċatt għall-bini li jinkludi attivitajiet ta' manifattura ta' ħġieġ mhux ipproċessat (*float*), ta' qtugħ, ta' ppproċessar (permezz tal-kisi) u ta' ppproċessar tal-ħġieġ permezz ta' laminazzjoni. Iċ-ċiklu previst tal-ħġieġ manifatturat huwa kif ġej:

*Figura 2*




(29) Permezz ta' ittra datata t-13 ta' Jannar 2005, l-awtoritajiet Franċiżi infurmaw lill-Kummissjoni li l-proġett kien inbidel. L-ispejjeż eliġibbli issa telgħu għal EUR 158,5 miljun f'valur nominali. In-numru ta' impjiegi diretti maħluqa huwa ta' 176 u n-numru ta' impjiegi indiretti maħluqa huwa ta' 150 (ara wkoll punt 5.2).

### 2.3. **Il-miżuri ta' għajnuna**

(30) Il-volum ta' għajnuniet mill-Istat stipulati huwa magħmul minn diversi miżuri li, jew jiddependu minn skemi ta' għajnuniet awtorizzati differenti, jew huma għajnuniet *ad hoc* individwali:

— primjum għall-Ippjanar tal-Ispazju għall-proġetti industrijali (Regional Planning Grant - PAT),

— Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FERŻ),

— għajnuna *ad hoc* għax-xiri ta' art (tnaqqis fuq il-prezz tal-bejgħ),

— għajnuna *ad hoc* għar-restawr tal-bini,

— eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju,

— self aġevolat mis-Société Financière pour favoriser l'industrialisation des Régions Minières (SOFIREM).

(31) L-iskema PAT ġiet approvata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2000 (Nru 782/1999). L-iskema li tinkludi is-self SOFIREM ġiet approvata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 1989 (Nru. 2/89, hekk kif emendata wara l-introduzzjoni tal-miżuri meħtieġa biex tali miżura ssir konformi mal-Linji gwida dwar l-għajnuniet tal-Istat bi skop reġjonali tal-1998 ([1]).

(32) L-eżenzjoni fuq ħames snin mit-taxxa fuq in-negozju tirriżulta mill-Artikoli 1464 B u 1465 tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxa (Code Général des Impôts - CGI), l-Ordni tas-16 ta' Diċembru 1993, l-Ordni tal-24 ta' Novembru 1980 u d-Digrieti 86/225, 80/921 u 80/922.

(33) L-ammont totali attwali tal-għajnuniet jammonta għal EUR 17 106 280 f'valur nominali (ara wkoll punt 5.2).

## 3. **BIDU TAL-PROĊEDURA**

### 3.1. **L-informazzjoni ġdida kkomunikata mill-awtoritajiet Franċiżi**

(34) Permezz ta' ittra datata t-13 ta' Jannar 2005, l-awtoritajiet Franċiżi infurmaw lill-Kummissjoni li, min-naħa waħda, il-proġett kien ġie mibdul u li, min-naħa l-oħra, l-ammont ta' għajnuna relatat mal-eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju kien ġie stmat baxx wisq minn Franza.

([1]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.

(35) It-total tal-ispejjeż eliġibbli leħqu l-ammont ta' EUR 158,5 miljun f'valur nominali (EUR 164,7 miljun fid-Deċiżjoni 2000). Il-valur preżenti nett tal-ispejjeż eliġibbli jammontaw għal EUR 149,97 miljun. Il-proġett intemm f'Marzu 2005 u l-investimenti saru kollha. F'Marzu 2005, in-numru ta' impjiegi diretti maħluqa kien ta' 176 u n-numru ta' impjiegi indiretti maħluqa kien ta' 150 (rispettivament 245 u 260 fid-Deċiżjoni 2000).

(36) Fl-ittra tagħhom tat-13 ta' Jannar 2005, l-awtoritajiet Franċiżi jiddikkjaraw li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju kienet stmata baxxa wisq għall-ewwel. Din issa tammonta għal EUR 6,28 miljun, li minnhom EUR 2,14 miljun diġà tħallsu (li jagħmlu parti mis-EUR 17,89 miljun ta' għajnuniet pubbliċi diġà mħallsa) mill-Istat Franċiż. Din is-somma tikkorrispondi għall-ammont ta' għajnuna qabel it-taxxa, għalhekk huija ekwivalenti għas-sussidju gross (Gross Grant Equivalent - GGE).

(37) Il-bilanċ ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju ta' EUR 4,14 miljun jagħmel parti mill-EUR 5,19 miljun li fadal jitħallsu mill-Istat Franċiż għall-proġett u li jirrappreżentaw l-aħħar porzjon li għalih hija meħtieġa awtorizzazzjoni bil-quddiem mill-Kummissjoni, f'konformità mal-punt 6.2 tal-MSF 1998 u mad-Deċiżjoni 2000 li jipprevedu li l-aħħar porzjon kbir tal-għajnuna (pereżempju 25 %) ma jitħallasx qabel l-awtoritajiet Franċiżi jkunu vverifikaw li l-proġett ta' investiment jitwettaq mill-impriżi f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(38) Franza tispjega li d-differenza bejn l-ammont ta' għajnuna nnotifikat fl-2000 hija ġġustifikat minħabba reviżjoni fiż-żieda tal-istima inizjali ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju.

(39) Fl-aħħar nett, l-għajnuna totali se tkun ta' EUR 23,09 miljun f'valur nominali (EUR 14,65 miljun f'valur preżenti nett). L-intensità tal-għajnuniet lill-proġett Pilkington/Interpane għalhekk tkun ta' 14,65/149,97 = 9,77 % ta' ekwivalenti tas-sussidju nett (ESN). Skont Franza, din l-intensità ta' għajnuna hija inqas mill-intensità massima ammissibbli kkalkulata mill-ġdid (9,82 % fuq il-bażi tal-MSF 1998) biex tikkunsidra l-iżviluppi tal-parametri tal-proġett.

### 3.2. Raġunijiet li wasslu għall-bidu tal-proċedura

(40) L-elementi ġodda ta' informazzjoni pprovduti mill-awtoritajiet Franċiżi jagħtu lok għal intensità ta' għajnuna massima ammissibbli ġdida ([1]). Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-kwestjoni tal-intensità jista' jkollha importanza determinanti għad-deċiżjoni u għalhekk mhuwiex biżżejjed li jsiru emendi għad-Deċiżjoni 2000 tat-tip "*corrigendum*" għal żbalji tipografiċi. Fir-realtà, id-Deċiżjoni 2000 hija bbażata fuq informazzjoni żbaljata mgħoddija mill-awtoritajiet Franċiżi.

(41) Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija obbligata li tirrevoka d-Deċiżjoni 2000 f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' proċedura li jistipula li "Il-Kummissjoni tista' tirrevoka Deċiżjoni (…), wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibilità li jippreżenta l-opinjonijiet tiegħu, f'każ fejn din id-Deċiżjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni żbaljata mgħoddija matul il-proċedura u ta' importanza determinanti għad-Deċiżjoni. Qabel ma tirrevoka Deċiżjoni u tadotta Deċiżjoni ġdida, il-Kummissjoni tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali f'konformità mal-Artikolu 4, paragrafu 4."

(42) Fl-ittra tagħhom tas-16 ta' Marzu 2006, l-awtoritajiet Franċiżi jikkunsidraw li l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati kemm fil-livell industrijali kif ukoll fil-livell ta' għajnuniet ma jinvolvux taqlib sostanzjali tal-iskop tad-Deċiżjoni 2000 u li deċiżjoni ġdida fuq dan il-fajl ikollha impatt limitat fuq l-iżvilupp tagħha. F'din l-istess ittra, l-awtoritajiet Franċiżi jiddikkjaraw li jaċċettaw il-proċedura kif definita fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' proċedura, li jimponi fuq il-Kummissjoni revoka inizjali u l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2000 u li tikkunsidra l-informazzjoni korretta li ngħatat lilha, wara l-ftuħ formali tal- proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE.

## 4. KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI

(43) Il-Kummissjoni ma rċevitx opinjonijiet dwar dan min-naħa tal-partijiet interessati.

## 5. KUMMENTI TA' FRANZA

### 5.1. Ittra tat-2 ta' Ġunju 2006

(44) Franza ssottomettiet kummenti permezz ta' e-Mail datata t-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura.

(45) Franza tispjega li l-Kummissjoni ġiet infurmata dwar tibdil fil-proġett industrijali, b'konsiderazzjoni tal-iżvilupp tal-kundizzjonijiet tas-suq, u wkoll b'emendi fl-istima inizjali tal-għajnuniet. Id-dejta relatata mal-proġett industrijali nnifsu min-naħa, u d-dejta relatata mal-għajnuniet ġew spjegati f'ittra minn Franza tat-13 ta' Jannar 2005. Franza tallega li l-emendi kollha ma jibdlux l-iskop ġenerali tad-Deċiżjoni 2000, u li l-għajnuniet mogħtija liż-żewġ impriżi jirrispettaw l-intensità massima awtorizzata permezz tal-MSF 1998.

([1]) Ikkalkulata fuq il-bażi tal-punt 3.10 tal-MFS 1998.

(46) It-tfassil tar-rapporti ta' monitoraġġ tad-Deċiżjoni 2000 ġiegħel lill-awtoritajiet Franċiżi jirrevedu mill-ġdid l-informazzjoni kollha li serviet ta' bażi għal din id-deċiżjoni. Waqt din ir-reviżjoni, l-awtoritajiet Franċiżi kkonstataw li żewġ elementi li jirrigwardaw l-għajnuniet kienu jibdlu l-informazzjoni tal-bidu li ntbagħtet lill-Kummissjoni:

— L-istima tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju kellha tiġi riveduta,

— Il-metodu ta' kalkolu tal-ESN ukoll kellu jiġi rivedut, biex tiġi kkunsidrata r-realtà tat-tqassim tal-investimenti (artijiet, bini u tagħmir) u tal-impatt tat-tassazzjoni fuq l-għajnuniet kollha, li ma kienx sar meta ħarġet in-notifika.

(47) L-ebda rabta partikolari ma teżisti bejn dawn iż-żewġ emendi. Madankollu meta jiġu kkunsidrati f'daqqa jinħoloq tibdil fl-ammont nominali tal-għajnuna u l-ESN tiegħu.

(48) Fl-2000, meta ttella' l-fajl ta' appoġġ għall-proġett, l-iskema ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju kienet tapplika għal bażi fiskali magħmula mill-valur tal-kera tal-assi fissi tanġibbli (artijiet, kostruzzjonijiet, restawri, tagħmir materjali, għamara, eċċ.) u minn porzjon tal-ammont ta' salarji u remunerazzjonijiet imħallsa. Mill-2003, riforma tat-taxxa fuq in-negozju ma kkunsidratx is-salarji fil-bażi fiskali ta' din it-taxxa. Minn din id-data 'l hawn, it-taxxa fuq in-negozju hija bbażata biss fuq l-assi fissi.

(49) Franza tispjega li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju kienet soġġetta għal żball materjali fil-bidu, wara l-kalkolu ta' ipoteżijiet differenti fir-rigward tal-kalendarju tal-eżekuzzjoni tal-proġett industrijali. L-istima tal-bidu ma ġietx ikkoreġuta qabel l-2005, minħabba min-naħa waħda l-implikazzjoni ta' servizzi differenti fil-bini u l-amministrazzjoni tad-dokument ta' appoġġ tal-impriża u min-naħa l-oħra d-differenza fiż-żmien tal-effett ta' din l-eżenzjoni. Ir-reviżjonijiet li saru wasslu lill-awtoritajiet Franċiżi biex jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-rivalutazzjoni tal-istima tal-bidu fl-2005.

## 5.2. **Informazzjoni addizzjonali**

(50) Permezz ta' ittra datata t-12 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali sabiex tiċċara d-dettalji tal-proġett u tal-kalkolu tal-għajnuna mogħtija. Wara bosta talbiet ta' estenzjoni taż-żmien ta' skadenza għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni mitluba, Franza ppreżentat risposta parzjali permezz ta' ittra datata l-21 ta' Diċembru 2007. F'din l-ittra, Franza tikkonferma li l-proġett li ntemm f'Marzu 2005 huwa fil-fatt il-proġett previst fil-bidu meta ħarġet in-notifika.

(51) L-informazzjoni nieqsa ġiet sottomessa wara estenzjonijiet oħra taż-żmien ta' skadenza, permezz ta' e-Mail datata t-30 ta' Mejju 2008. Informazzjoni addizzjonali ġiet sottomessa permezz ta' e-Mails datati s-16 u d-19 ta' Settembru u l-24 ta' Ottubru 2008. Din l-informazzjoni tirriżulta mill-kalkoli fuq id-dejta definittiva tal-proġett, kemm f'termini ta' investimenti kif ukoll ta' impjiegi maħluqa. L-għajnuniet marbuta mal-ħolqien ta' impjiegi ġew ikkalkulati mill-ġdid mill-2006 biex jiġi kkunsidrat in-numru ta' impjiegi maħluqa taħt il-previżjonijiet.

(52) Fid-dawl ta' dawn l-elementi ġodda, il-livell ta' għajnuna mogħtija huwa inqas minn dak li kien ippjanat fl-2000 u fl-2005. L-ispejjeż eliġibbli tal-proġett jammontaw għal EUR 158,5 miljun (EUR 150,165 miljun f'valur preżenti nett). L-ammont totali ta' għajnuniet mogħtija huwa ta' EUR 17 106 280 (valur preżenti nett ta' EUR 12 985 610), li jikkorrispondi ma' intensità ta' għajnuna ta' 8,65 % ESN.

(53) L-ammont (f'valur nominali) tal-aħħar porzjon ta' għajnuna li m'għandux jingħata ħlief wara awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni [1] jammonta għal EUR 4 276 570. Franza tinforma madankollu lill-Kummissjoni li 4/5 ta' dan l-ammont diġà ngħata u li l-bilanċ jammonta għal EUR 727 389 (f'valur nominali). Franza tirrikonoxxi b'hekk li antiċipat l-għotja tal-aħħar porzjon tal-25 % tal-għajnuna, imma din is-sitwazzjoni tirriżulta mill-iżbalji ta' kalkoli tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju. L-awtoritajiet Franċiżi isostnu li fl-ebda ħin ma ppruvaw jaqbżu l-prerogattivi tal-Kummissjoni.

[1] Skont il-punt 6 tal-MSF 1998.

(54) Minħabba l-bidliet (inqas impjiegi maħluqa milli previst), ċerti għajnuniet previsti kellhom jiġu rriveduti 'l isfel. Pilkington kellha saħansitra tħallas lura f'Settembru 2007 pagament żejjed fir-rigward tal-PAT ta' EUR 146 430. L-għajnuniet mogħtija riveduti għal dawn it-tliet miżuri issa telgħu għall-EUR 993 968 għall-PAT (li minnhom EUR 34 561 għadhom iridu jitħallsu), EUR 1 532 765 għall-FIL [1] (għajnuna marbuta mal-PAT, u li minnhom EUR 399 851 għadhom iridu jitħallsu) u EUR 694 426 għall-FIBM [2] (parti mill-għajnuna għar-restawr tal-bini, li minnhom EUR 64 304 għadhom iridu jitħallsu). Mat-total ta' EUR 498 716 x'jitħallsu, wieħed irid iżid EUR 228 673 ta' għajnuna tal-Kunsill Ġenerali, li jġib għal EUR 727 389 l-ammont miżmum fi stennija għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-ħlas tal-aħħar porzjon.

(55) Franza tispjega li l-kumpanija PGF biss ibbenefikat mill-eżenzjoni tat-taxxa fuq in-negozju rigward l-istabbiliment li jinsab f'Seingbouse fuq il-perjodu 2001-2005 (IGCF ma bbenefikatx minn din l-eżenzjoni fuq il-perjodu kkunsidrat).

(56) L-għajnuna li minnha bbenefikat PGF rigward l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1465 tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi hija ugwali għad-differenzjlbejn il-kontribuzzjoni realment mħallsa mill-kumpanija u l-kontribuzzjoni li kieku ħallset fin-nuqqas ta' eżenzjoni, dawn l-ammonti li ntgħażlu għall-ammont nett tagħhom, wara l-applikazzjoni, jekk ikun il-każ, tal-limitu skont il-valur miżjud [3]. Dan l-ammont jammonta għal EUR 986 170 (eżenzjoni ta' taxxa fuq in-negozju mogħtija lill-istabbiliment ta' Seingbouse tal-kumpanija PGF, għal taxxi mill-2001 sal-2005).

(57) L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li ma jistgħux jispjegaw l-iżball li sar fl-2005 fuq l-ammont li dakinhar ġie stmat għoli, għajr permezz ta' nuqqas ta' ftehim bejn żewġ servizzi tal-Istat fuq in-natura tal-informazzjoni għall-produzzjoni fil-qafas tar-rapport annwali, u, tidher konfużjoni bejn it-tnaqqis li jirriżulta mil-limitu (miżura ġenerali) u l-eżenzjoni (miżura ta' għajnuna).

(58) Franza kkalkulat mill-ġdid l-ESN għat-total u għal kull wieħed mill-elementi ta' għajnuna billi ħadet ir-rata ta' tnaqqis applikabbli, jew 5,70 %. Kull wieħed mill-elementi ta' għajnuna (ħlief l-għajnuna għall-art li mhix intaxxata) tqassam bejn il-bini (għal 19,24 %) u t-tagħmir (għal 78,82 %). Dan it-tqassim jerġa' jistrieħ fuq ir-realtà tal-investiment, waqt li meta saret in-notifika dan il-kalkolu kien sar skont tqassim tipiku tal-bażi fiskali tal-għajnuna (5 % art, 50 % bini, 45 % tagħmir). Wara, il-parti integrata annwali tal-għajnuna hija kkalkulata, għal kull wieħed mill-elementi tal-għajnuna, skont il-perjodu ta' ħlas (20 sena għall-bini u 7 snin għat-tagħmir). Ir-riżultati ta' dawn il-kalkoli huma mniżżla fit-tabella li ġejja:

*Tabella 3*

| Miżura ta' għajnuna | Ammont ta' għajnuna (f'EUR, valur nominali) | | Ammont ta' għajnuna (F'EUR, ESN) | |
|---|---|---|---|---|
| PAT (u FIL) | 2 526 740 | | 1 623 160 | |
| FEDER | 2 667 570 | | 1 761 250 | |
| Għajnuna għax-xiri tal-art | 2 816 000 | | 2 816 000 | |
| Restawr tal-bini | 7 974 690 | | 6 100 300 | |
| — li minnhom il-Kunsill Reġjonali | | 2 988 100 | | 1 983 190 |
| — li minnhom il-Kunsill Ġenerali | | 1 753 160 | | 1 126 820 |
| — li minnhom Distrett | | 2 539 000 | | 2 539 000 |
| — li minnhom l-Istat (FIBM) | | 694 430 | | 451 290 |
| Eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju | 986 170 | | 593 730 | |
| SOFIREM | 135 110 | | 91 170 | |
| Total | | 17 106 280 | | 12 985 610 |
| Intensità tal-għajnuna | | 10,79 % | | 8,65 % |

(1) FIL: Fonds d'Industrialisation de la Lorraine (Fond ta' Industrijalizzazzjoni tal-Lorraine).
(2) Fonds d'Industrialisation des Bassins Miniers (Fond ta' Industrijalizzazzjoni tal-Bassins Miniers).
(3) Il-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi jipprevedi limitu tat-taxxa fuq in-negozju skont il-valur miżjud. Din id-dispożizzjoni hija ġenerali u ma tistax tiġi kkunsidrata bħala għajnuna mill-Istat (Artikolu 1 647 B (e) tal-CGI).

## 6. EVALWAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

### 6.1. Rimarki preliminari

(59) Fis-17 ta' Awwissu 2000, il-Kummissjoni approvat l-intensità ta' għajnuna għal Pilkington/Interpane hekk kif innotifikata minn Franza fit-22 ta' Mejju 2000. Wara, Franza infurmat lill-Kummissjoni li l-informazzjoni żbaljata kienet ingħatat fin-notifika tal-bidu u, peress li din l-informazzjoni hija fattur determinanti għad-deċiżjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet fis-26 ta' April 2006 li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE fir-rigward tal-għajnuna msemmija sabiex tirrevoka d-Deċiżjoni 2000 u tadotta deċiżjoni ġdida.

(60) Id-Deċiżjoni 2000 tinkludi evalwazzjoni sħiħa tan-notifika. L-evalwazzjoni tad-Deċiżjoni 2000 hija inkluża f'din id-deċiżjoni bl-eċċezzjoni tal-elementi li għandhom jiġu kkoreġuti fid-dawl tal-informazzjoni sottomessa minn Franza fit-13 ta' Jannar 2005, li kienet is-suġġett tad-deċiżjoni tal-ftuħ tas-26 ta' April 2006, u tal-informazzjoni addizzjonali sottomessa lill-Kummissjoni.

#### 6.1.1 *Linji gwida applikabbli*

(61) Franza innotifikat l-għajnuna lil PGF/IGCF permezz ta' ittra datata t-22 ta' Mejju 2000, irreġistrata fil-25 ta' Mejju 2000. Il-paragrafu 58 tal-Linji gwida li jirrigwardaw l-għajnuniet mill-Istat għal skop reġjonali għall-perjodu 2007-2013 [1] jistipula li "Il-proġetti ta' investiment notifikabbli individwalment jiġu evalwati f'konformità mar-regoli applikabbli fid-data tan-notifika". Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proġett preżenti jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-MSF 1998 u għandu jiġi eżaminat fid-dawl tal-imsemmi qafas.

#### 6.1.2 *Fatti rilevanti*

(62) L-evalwazzjoni preżenti tikkunsidra l-fatti u s-sitwazzjonijiet hekk kif kienu jeżistu fid-data tan-notifika tal-22 ta' Mejju 2000.

(63) Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni fuq il-bażi ta' stimi *ex-ante* ta' perspettivi futuri u ta' ishma fis-suq. L-intensitajiet ta' għajnuna mhumiex adattati aktar tard jekk xi ftit snin wara – *ex post* – iċ-ċifri juru li s-suq, pereżempju, żviluppa b'mod differenti minn kif kien previst fil-bidu. Għalkemm f'dan il-każ il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni tmien snin wara n-notifika tal-bidu, hija għandha minkejja kollox tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq il-fatti u s-sitwazzjonijiet li kienu jeżistu fid-data tan-notifika.

(64) Għall-kalkolu tal-intensità massima, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-informazzjoni ġdida sottomessa minn Franza. Franza naqqset l-għajnuniet mogħtija biex tikkunsidra n-numru reali ta' impjiegi maħluqa permezz tal-investiment (rivedut l-isfel b'rabta mad-dejta tan-notifika) u biex tirranġa żball ta' kalkolu fl-ammont tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju hekk kif innotifikata fl-2000.

### 6.2. Il-ħolqien tal-impriżi konġunti fid-dawl tal-Arikolu 81(3) tat-Trattat tal-KE

(65) B'mod preliminari, għandu jiġi mfakkar li, għalkemm il-proċedura prevista fl-Artikoli 87 u 88 tħalli marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni lill-Kummissjoni u, f'ċerti kundizzjonijiet, lill-Kunsill biex jingħata ġudizzju fuq il-kumpatibbiltà ta' sistema ta' għajnuniet mill-Istat mar-rekwiżiti tas-suq komuni, jirriżulta mill-iskop ġenerali tat-Trattat li din il-proċedura m'għandha qatt twassal għal riżultat li jkun kuntrarju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat [2].

(66) Il-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet iddeċidiet li l-metodi ta' għajnuna li jiksru dispożizzjonijiet partikolari tat-Trattat, minbarra l-Artikoli 87 u 88, jistgħu jkunu f'dan il-punt marbutin b'mod li ma jistax jinfired mis-suġġett tal-għajnuna b'mod li ma jkunx possibbli li jiġu evalwati waħedhom [3].

(67) Dan l-obbligu, għall-Kummissjoni, li tirrispetta l-koerenza bejn l-Artikoli 87 u 88 u dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat isir meħtieġ b'mod partikolari fl-ipoteżi fejn dawn id-dispożizzjonijiet l-oħra jimmiraw, bħal f'dan il-każ, għall-għan ta' kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fis-suq komuni. Fil-fatt, f'każ li tadotta deċiżjoni dwar il-kumpatibbiltà ta' għajnuna mas-suq komuni, il-Kummissjoni ma tistax tinjora r-riskju ta' tfixkil fil-kompetizzjoni fis-suq komuni min-naħa ta' operaturi ekonomiċi partikolari.

[1] ĠU C 54 tal-4.3.2006, p. 13.

[2] Ordni tal-21 ta' Mejju 1980, Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 11, 73/79, Ġabra p. 1533.

[3] Ordni tat-22 ta' Marzu 1977, Iannelli, 74/76, Ġabra p. 557.

(68) Jibqa' l-fatt li l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 81 *et seq.* u dik stabbilita fl-Artikolu 87 *et seq.* t-Trattat huma proċeduri indipendenti, ikkontrollati minn regoli speċifiċi.

(69) B'konsegwenza, f'każ li tadotta deċiżjoni dwar il-kumpatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat mas-suq komuni, il-Kummissjoni mhix obbligata tistenna r-riżultat ta' proċedura parallela mibdija fir-rigward tar-Regolament Nru 17, imsemmi aktar 'il fuq, sakemm, fil-kwadru tal-poter tal-evalwazzjoni tagħha, ikollha l-konvinzjoni, ibbażata fuq l-analiżi ekonomika tas-sitwazzjoni, li ma tkun milquta minn ebda żball manifest ta' evalwazzjoni, li l-benefiċjarju tal-għajnuna mhuwiex f'sitwazzjoni li jmur kontra l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat.

(70) Fid-dawl tal-fatti deskritti fil-punt 3.1.2 hawn fuq, u wara li titqies il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija aktar 'il fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li ma jeżisti ebda ostakolu għall-awtorizzazzjoni tal-għajnuna prevista favur PGF/IGCF.

### 6.3. **Eżistenza ta' għajnuna skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE**

(71) L-għajnuna msemmija ngħatat minn Stat Membru u permezz ta' riżorsi tal-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE (ara l-punt 2.3 ta' din id-Deċiżjoni). L-għajnuna tagħti vantaġġ lill-PGF/IGCF li mingħajrha dawn l-impriżi kien ikollhom jerfgħu waħedhom l-ispejjeż kollha tal-investiment. Sakemm volum kbir ta' ħġieġ mhux ipproċessat huwa ttrasportat lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, jeżisti kummerċ internazzjonali fis-suq tal-ħġieġ mhux ipproċessat. Għaldaqstant, vantaġġi finanzjarji mogħtija lil dawn l-impriżi jistgħu iġibu magħhom distorsjonijiet ta' kompetizzjoni u jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri. B'konsegwenza ta' dan, fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura nnotifikata hija għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

### 6.4. **L-obbligu ta' notifika**

(72) Billi t-tliet kondizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fil-punt 2.1(i) tal-MSF 1998 japplikaw, il-proġett ta' għajnuna għandu jiġi nnotifikat u l-intensità ta' għajnuna massima allokata għandha tiġi ddeterminata b'konformità mal-MSF 1998. Barra minn hekk, l-għajnuniet *ad hoc* għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE.

### 6.5. **Il-bażi legali ta' ċerti miżuri ta' għajnuna**

(73) Parti mill-għajnuna hija mogħtija fuq il-bażi ta' sistemi ta' għajnuna reġjonali lill-investiment approvati mill-Kummissjoni u applikabbli fid-data tan-notifika tal-għajnuna (ara l-punt 2.3 ta' din id-Deċiżjoni), filwaqt li parti oħra qed tingħata bħala għajnuna *ad hoc.*

(74) F'dak li jirrigwarda l-għajnuna mill-FERŻ, l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-fondi strutturali ([1]) jipprevedi li l-fondi strutturali jistgħu jiffinanzjaw spejjeż marbutin ma' proġetti kbar ekonomiċi li l-ispiża tagħhom hija akbar minn EUR 50 miljun. Il-FERŻ jista' b'hekk jipprovdi miżuri nazzjonali bħall-PAT u l-għajnuna għall-bini ta' impriża meta d-Dokumenti ta' Programmazzjoni Unika (DOCUP) tar-reġjun interessat jipprevedu dan. Iż-żona ta' Freyming-Merlebach hija inkluża fil-mappa Franċiża tal-objettiv 2 "Konverżjoni ekonomika u soċjali mill-ġdid taż-żoni f'diffikultà strutturali" approvata mill-Kummissjoni Ewropea fis-16 ta' Jannar 2000.

(75) Il-possibilità tal-għajnuniet *ad hoc* għax-xiri tal-art u għall-bini hija miftuħa għall-awtoritajiet lokali li jinsabu f'żona ta' għajnuniet bi skop reġjonali skont il-liġi.

(76) Permezz ta' ittra datata t-30 ta' Ġunju 2000 (A/35411), l-awtoritajiet Franċiżi pprovdew id-dettall tal-kalkolu tal-ammont tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq in-negozju, u wrew li f'dan il-każ l-ispiża tal-investimenti kif ukoll l-ispiża tal-impjiegi permanenti maħluqa ttieħdu bħala bażi fiskali għall-kalkolu tal-eżenzjoni. Għall-kuntrarju ta' dan mill-2003 'il quddiem, riforma fit-taxxa fuq in-negozju rażżnet il-konsiderazzjoni tas-salarji fil-bażi fiskali ta' din it-taxxa. Minn dik id-data 'l hawn, it-taxxa fuq in-negozju hija bbażata biss fuq l-assi fissi. B'konsegwenza ta' dan, din l-għajnuna tista' tkun ikkunsidrata bħala għajnuna għall-investiment skont il-linji gwida tal-1998 dwar l-għajnuniet mill-Istat bi skop reġjonali.

(77) L-għotja tal-għajnuniet *ad hoc* lill-impriża hija marbuta b'kundizzjoni mal-impenn tagħhom li jżommu l-impjiegi u l-investiment assistit għal mill-anqas ħames snin fiż-żona.

(78) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni f'din id-deċiżjoni hija limitata għal dik tal-kumpatibbiltà tal-intensità tal-għajnuna nnotifikata ta' 8,65 % skont il-kriterji tal-MSF 1998.

([1]) ĠU L 161 du 26.6.1999, p. 1.

6.6. **Evalwazzjoni fil-Qafas tal-MSF 1998**

(79) L-intensità massima awtorizzata għall-proġetti fil-Qafas tal-MFS 1998 għandha tiġi ddeterminata skont ir-rata ta' intensità massima applikabbli għall-għajnuniet reġjonali fiż-żona assistita fil-kwisjtoni fil-mument meta l-għajnuna ġiet innotifikata.

(80) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-elementi ġodda ma jikkontestawx l-evalwazzjoni globali tagħha tas-suq u tal-iżvilupp tiegħu li tinsab fid-Deċiżjoni 2000 tagħha.

(81) Il-Kummissjoni tfakkar li l-ebda waħda mill-impriżi parteċipanti fil-proġett fil-kwistjoni ma kellha, fil-mument tan-notifika tal-proġett, sehem kbir fis-suq skont il-punt 3.6 tal-MFS 1998.

6.6.1. *Il-prodott u s-suq fil-kwistjoni*

(82) Il-ħġieġ ċatt (*float glass*) jista' jintuża għall-manifattura ta' ħġieġ għall-bini u għall-vetturi. Il-fabbrika li hija s-suġġett tan-notifika hija kkonfigurata biex tipproduċi ħġieġ għall-industrija tal-bini. Id-determinazzjoni tal-prodott u tas-suq hekk kif ippreżentata fid-Deċiżjoni 2000 ma ġietx ikkontestata u l-anqas emendata, u ma kinitx tagħmel parti mid-Deċiżjoni tas-26 ta' April 2006 tal-ftuħ ta' proċedura. L-evalwazzjoni li ġejja hija għalhekk meħuda mid-Deċiżjoni 2000.

Il-prodott

(83) Il-ħġieġ ċatt mhux ipproċessat huwa mmanifatturat permezz ta' ffundar kontinwu fuq materjal tal-landa mdewweb u taħt atmosfera ta' nitroġenu (proċess imsejjaħ tal-*float glass* ipperfezzjonat minn Pilkington fis-snin 60).

(84) Il-ħġieġ miksi huwa ħġieġ ta' bażi li għadda minn ipproċessar fil-wiċċ jew kisi (applikazzjoni ta' kisja f'vakum permezz ta' proċess elettromanjetiku [1]) intenzjonat biex jiġu eliminati r-riflessi jew sabiex jiġi żgurat iżolament tas-sħana. Hekk wieħed jista' jikseb ħġieġ ta' ġestjoni termali (ħġieġ b'emissjoni baxxa msejjħa "low-emission": marka Iplus għal Interpane) jew ħġieġ għall-kontroll solari (ħġieġ li jirrifletti x-xemx: marka Ipasol għal Interpane). Huwa previst li jiġi prodott 90 % ta' ħġieġ b'emissjoni baxxa u 10 % ta' ħġieġ li jirrifletti x-xemx f'qisien ta' ħxuna ta' 4,6 mm jew 8 mm.

(85) Il-laminat huwa ħġieġ għas-sigurtà magħmul minn mill-anqas żewġ folji ta' ħġieġ, li bejniethom ikun hemm saffi ta' PVB (butiral tal-polivinil) jew ta' raża [2].

(86) Il-*ħġieġ float mhux ipproċessat* u l-*ħġieġ miksi li jkun ġie pproċessat darba* huma ikkategorizzati flimkien fin-nomenklatura statistika taħt il-kodiċijiet:

— NM 7005: *Ħġieġ* (ħġieġ float u ħġieġ bil-wiċċ immattjat jew illustrat fuq wieħed jew żewġ uċuħ) fi pjanċi jew f'folji, anki f'saff assorbenti, riflettenti jew mhux, imma mhux maħdum mod ieħor,

— NACE 26.1.A: Manifattura ta' ħġieġ ċatt.

(87) Il-ħġieġ float mhux ipproċessat huwa użat fl-industrija tal-bini jew tal-kostruzzjoni tal-vetturi. Skont il-GEPVP, 80 % tal-produzzjoni Ewropea ta' ħġieġ float huwa intenzjonat għall-industrija tal-bini. L-investituri ser jimmanifatturaw biss ħġieġ għall-bini fis-sit ta' Freyming-Merlebach. Din it-tip ta' produzzjoni tippreżenta b'mod partikolari l-partikolarità li tħaddem is-sit industrijali fuq linji ta' produzzjoni żgħar ta' manifattura konformi mal-karatteristiċi tal-ordnijiet (volumi, ħxuna u karatteristiċi oħra tal-ħġieġ).

(88) Il-prodotti li joħorġu mill-ewwel ipproċessar tal-ħġieġ ċatt mhux ipproċessat huma prodotti intermedjarji użati għall-manifattura ta' *ħġieġ għas-sigurtà* (kodiċi statistika NM 7007 – huwa ffurmat minn ħġieġ ittemprat (reżistenti) jew folji laminati) u ta' *ħġieġ iżolanti* b'ħitan multipli iżolaturi għall-industrija tal-kostruzzjoni (kodiċi statistika NM 7008 – huwa magħmul minn żewġ ħġiġiet jew aktar separati minn spazju wieħed jew aktar ta' arja deidrata jew ta' gass li jiżguraw il-kapaċità iżolanti tat-tieqa). It-twieqi iżolanti huma mmanifatturati b'mod partikolari minn ħġieġ miksi.

[1] Il-proċess użat huwa l-proċess imsejjaħ "Magnétron" li jinvolvi t-trattament tal-ħġieġ mhux ipproċessat fuq linja ta' produzzjoni separata. Jeżisti proċess permezz ta' trattament pirolitiku (polverizzazzjoni) li jippermetti t-trattament tal-ħġieġ direttament fuq il-linja ta' *float*.

[2] Id-definizzjonijiet kollha huma meħuda mill-ktieb: "L'industrie du verre", Secrétariat d'Etat à l'industrie, Service des Etudes et des Statistiques Industrielles (SESSI), 1999.

(89) L-impriżi ser jipproduċu ukoll *ħġieġ laminat għall-bini* fis-sit ta' Lorrain. Dan il-prodott huwa kklassifikat statistikament fil-kategorija: NM 7007 29 00 – Ħġieġ għas-sigurtà iffurmat minn folji laminati - Oħrajn. It-tipi l-oħra ta' ħġieġ laminat inklużi fil-kategorija statistika jintużaw fl-industrija tal-karozzi. Din l-industrija tikkonsma barra minn hekk il-parti l-kbira ta' ħġieġ laminat immanifatturat fl-Ewropa (manifattura ta' windskrins).

(90) Il-ħġieġ ċatt jista' jintuża biex jiġi manifatturat ħġieġ għall-bini u għall-vetturi. Il-Kummissjoni tinnota li l-fabbrika ta' Freyming-Merlebah hija intiża sabiex jiġi prodott fiha ħġieġ għall-industrija tal-bini b'konformità max-xewqat tal-investituri li huma li jkunu jistgħu jissodisfaw it-talba dejjem akbar ta' ħġieġ għall-kostruzzjoni tal-bini. Din l-ispeċjalità hija barra minn hekk l-unika ħidma ta' Interpane illum. Dan il-grupp m'għandux il-kapaċitajiet għall-ipproċessar tal-ħġieġ primarju biex isir minnu ħġieġ għall-karozzi u m'għandux relazzjonijiet kummerċjali mal-kostrutturi ta' din l-industrija. Il-ħġieġ miksi li ser ikun prodott fis-sit il-ġdid ser ikollu kwalitajiet utli għall-bini biss [1]. Ukoll, il-ħġieġ laminat huwa mmirat għall-manifattura ta' ħġieġ għas-sigurtà għall-bini. B'konsegwenza ta' dan, l-għażla li jiġi manifatturat ħġieġ għall-bini fi Freyming-Merlebach tidher definittiva għall-investituri.

(91) Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, u bil-għan li jitqabbel l-iżvilupp tas-suq, il-Kummissjoni tikkunsidra li għandha ssir distinzjoni bejn l-iżvilupp tal-*ħġieġ float (raw float glass)* u l-iżvilupp tal-prodotti intermedjarji, bħall-*ħġieġ laminat (laminated glass)* jew *ħġieġ miksi (coated glass)* li huma suġġetti għal ipproċessar ieħor għal użu finali fl-applikazzjoni arkitettonika jew għall-kostruzzjoni (*architectural or building glass*). Din id-distinzjoni hija koerenti mal-analiżi mill-Kummissjoni tas-suq pertinenti fil-qafas tal-ftehimiet imsemmija qabel dwar il-ħolqien ta' żewġ impriżi konġunti, fejn id-distinzjoni hija stabbilita bejn is-suq tal-*ħġieġ float (raw float glass)* bħala tali, u l-użu ta' tipi differenti ta' ħġieġ (inklużi ħġieġ laminat u miksi (*laminated* and *coated glasses*)) għal użu finali fl-applikazzjoni arkitettonika jew għall-kostruzzjoni (*architectural or building glass*).

### Dimensjoni ġeografika

(92) Is-suq ġeografiku jinkludi, fil-prinċipju, iż-ŻEE jew, skont il-każ, kwalunkwe parti sostanzjali mit-territorju taż-ŻEE, jekk il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni hawn huma differenti b'mod sinifikanti minn dawk prevalenti fil-bqija taż-ŻEE.

(93) F'dan il-każ, l-ebda element immirat biex juri li s-suq ġeografiku fil-kwistjoni huwa differenti miż-ŻEE ma deher waqt il-ġbir tal-provi. Huwa għalhekk meħtieġ li s-suq ġeografiku fil-kwistjoni jiġi ddefinit bħala ż-ŻEE.

### L-Iżviluppi fis-suq

(94) Il-Kummissjoni mhix lesta li taċċetta d-dejta inkluża fin-notifika li turi rata għolja fl-użu tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni. Din id-dejta ġiet ipprovduta mill-industrija tal-ħġieġ (GEPVP) [2] u tikkorrispondi ma' dak li l-industrija ssejjaħ il-kapaċitajiet ta' produzzjoni li jistgħu jinbiegħu (*saleable* capacities) [3]. Dan il-metodu ta' kalkolu jista' żgur jagħmel sens f'termini ta' ħidma, iżda jagħmel id-dejta dwar l-użu tal-kapaċitajiet diffiċilment komparabbli mad-dejta disponibbli għas-setturi industrijali l-oħrajn.

(95) Konsegwentement, il-Kummissjoni ibbażat l-analiżi fid-Deċiżjoni 2000 tagħha fuq l-iżvilupp tal-konsum apparenti.

(96) In-notifika tipprovdi dejta f'*volum* dwar l-iżvilupp tal-konsum apparenti tal-*ħġieġ float* (NM 7005) għall-perjodu 1993-1998.

(97) Ir-riżultati juru tnaqqis fil-livell tal-prezzijiet [4]. Tali tnaqqis, flimkien ma' rata ta' tkabbir ta' 4,89 % espressa f'volum, twassal għall-konklużjoni li t-tkabbir medju huwa taħt il-medja annwali ta' 5,78 % fl-industrija tal-manifattura kollha fil-livell taż-ŻEE, li jimplika li jeżisti suq li sejjer lura skont l-MSF 1998.

(98) Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra - kif indikat hawn fuq - li għandha ssir distinzjoni bejn l-iżvilupp tal-*ħġieġ float (raw float glass)* u l-iżvilupp tal-prodotti intermedjarji, bħall-*ħġieġ laminat (laminated glass)* jew *ħġieġ miksi (coated glass)* li huma suġġetti għal ipproċessar ieħor għal użu finali fl-applikazzjoni arkitettonika jew għall-kostruzzjoni (*architectural or building glass*).

---

(1) Ir-regoli u l-ħtiġijiet fir-rigward ta' riflessjoni solari u termika huma differenti fl-industrija tal-karozzi.

(2) Grupp Ewropew ta' produtturi ta' ħġieġ ċatt.

(3) Il-kapaċitajiet ta' produzzjoni *li jistgħu jinbiegħu* (*saleable capacities*) huma kkalkolati mill-kapaċità nominali ta' fużjoni (*melt capacity*) ikkoreġuta mit-telf (madwar 15 % tal-ħġieġ ċatt prodott jinqered waqt il-proċess ta' manifattura) u mill-waqfa ta' ħidma tal-fran biex jinbidlu l-kuluri u l-ħxuna tal-ħġieġ u biex isiru t-tiswijiet l-aktar importanti minn żmien għal żmien.

(4) 366,9 ewro/t fl-1993 u338,19 ewro/t fl-995, bl-ogħla punt fl-1995.

(99) Il-Kummissjoni tinnota, b'mod partikolari, li l-*ħġieġ iżolanti* (*sealed units,* NM 7008) ([1]), kellu żidiet kbar fil-prezz matul il-perjodu 1993-1998. Tali żidiet huma spjegati permezz tal-introduzzjoni ta' regoli ġodda Ewropej rigward l-użu ta' materjali iżolanti fil-kostruzzjoni kif ukoll permezz tat-tendenza tal-industrija li tuża fuq medda twila ta' żmien prodotti u materjali iżolanti.

(100) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li t-tkabbir medju tal-konsum tal-prodotti iżolanti (inkluż il-ħġieġ iżolanti għall-kostruzzjoni) ser jara tendenza kbira li dejjem tiżdied minhabba kontrolli aktar stretti tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ wara l-adozzjoni tal-Protokoll ta' Kyoto fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1997 dwar it-Tibdil fil-Klima. Fis-settur residenzjali u tal-kostruzzjoni, l-iżolament termiku huwa teknoloġija effettiva fl-iffrankar tal-enerġija u konsegwentement fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$. It-tħaddim ta' standards ġodda għat-tipi ta' iżolament (ISO 10456) u għat-telf tas-shana (ISO 832) ser jimplika valuri akbar ta' telf termiku li jkollhom ħtieġa akbar ta' ekonomiji ta' enerġija.

(101) B'konsegwenza ta' dan, skont l-analiżi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-każ Rockwool ([2]), it-tendenza kbira li dejjem tiżdied li ntweriet permezz tal-prodotti intermedjarji tal-ħġieġ li huma suġġetti għal proċessar ieħor għal użu finali fl-applikazzjoni arkitettonika jew għall-kostruzzjoni tippermetti li tikkonkludi li dan is-suq mhux sejjer lura ([3]).

(102) B'konklużjoni, żvilupp differenti huwa evalwat f'dak li jirrigwarda (i) il-*ħġieġ float (raw float glass)* u (ii) il-prodotti intermedjarji tal-ħġieġ li huma suġġetti għal proċessar ieħor għal użu finali fl-applikazzjoni arkitettonika jew għall-kostruzzjoni (bħal *ħġieġ laminat* jew *ħġieġ miksi*): f'dak li jirrigwarda (i), il-Kummissjoni tikkunsidra li s-suq sejjer lura skont il-Qafas multisettorjali; f'dak li jirrigwarda (ii), is-suq mhux sejjer lura.

Ishma mis-suq

(103) Meta proġett jikkawża żieda fil-kapaċità f'settur ikkaratterizzat minn kapaċità żejda strutturali jew suq li sejjer lura, filwaqt li huwa suxxettibli li jsaħħah sehem mis-suq elevat ([4]), l-għotja tal-ammonti ta' għajnuniet massima normalment awtorizzati fir-reġjun ikkunsidrat tista' twassal għal distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux xierqa. F'tali każijiet, l-MSF 1998 jipprevedi l-applikazzjoni ta' fattur ta' aġġustament ta' 0,50.

(104) F'dan il-każ, il-Kummissjoni identifikat is-suq tal-ħġieġ float bħala suq li sejjer lura. L-ebda wieħed mill-fundaturi taż-żewġ impriżi konġunti m'għandu sehem mis-suq ta' 40 % jew aktar f'dan is-suq.

6.6.2. *Determinazzjoni tal-għajnuna massima ammissibbli*

(105) B'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-MSF 1998, il-Kummissjoni tiddetermina l-intensità massima ammissibbli għal għajnuna innotifikata skont formola li tikkunsidra diversi fatturi. Il-kalkolu jibda permezz tad-determinazzjoni tal-intensità massima (limitu reġjonali) li impriża kbira tista' tikseb fiż-żona assistita kkunsidrata, firrigward tas-sistema ta' għajnuna għall-skopijiet reġjonali awtorizzata fis-seħħ fid-data tan-notifika. Koeffiċjenti ta' korrezzjoni differenti wara li jiġu applikati fil-persentaġġ miksub, b'mod konformi ma' tliet kriterji ta' evalwazzjoni speċifiċi, b'mod li tista' tiġi kkalkulata l-intensità massima ammissibbli għall-proġett tal-għajnuna fil-kwistjoni: il-grad tal-kompetizzjoni, il-proporzjon kapital/xogħol u l-impatt reġjonali.

Intensità tal-għajnuna massima fiż-żona assistita kkunsidrata (R)

(106) Skont il-mappa Franċiża tal-għajnuniet għal skopijiet reġjonali 2000-2006 applikabbli, iż-żona ta' impjieg ta' Freyming-Merlebach hija żona assistita skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE li fiha l-intensità ta' għajnuniet pubbliċi għall-investiment tista' tilħaq 15 % ESN.

Il-fattur "grad tal-kompetizzjoni" (T)

(107) Il-fattur "grad tal-kompetizzjoni" (punti 3.2 sa 3.6 tal-MSF 1998) hekk kif iddeterminat fid-Deċiżjoni 2000 ma ġiex ikkontestat u l-anqas emendat, u ma kienx jagħmel parti mid-Deċiżjoni tas-26 ta' April 2006 tal-ftuħ ta' proċedura. L-evalwazzjoni li ġejja hija għalhekk meħuda mid-Deċiżjoni 2000.

(108) Il-fattur "kompetizzjoni" jgħaddi minn analiżi mmirata li tiddetermina jekk il-proġett innotifikat hux ser jitħaddem f'settur jew sotto-settur li jbati minn kapaċità żejda strutturali.

([1]) Ħġieġ iżolanti b'ħitan multipli, magħmula minn spazju wieħed jew aktar ta' arja deidratata jew gass.
([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 1999 fil-każ Nru 94/99 (Rockwool Peninsular SA).
([3]) Ara l-punt 7.8 tal-MSF 1998.
([4]) Sehem li, għall-fini tal-MSF 1998, ġie ffissat għal anqas minn 40 %.

(109) B'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-MSF 1998 (punt 3.3), l-eżistenza potenzjali ta' kapaċità żejda strutturali hija evalwata billi titqabbel id-differenza bejn ir-rata medja ta' użu tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-industrija tal-manifattura fit-totalità tagħha u r-rata ta' użu tal-kapaċitajiet fis-(sotto-)settur fil-kwistjoni. Jekk id-dejta dwar l-użu tal-kapaċitajiet ma tkunx biżżejjed, il-Kummissjoni teżamina jekk l-investimenti kkunsidrati humiex qed isiru f'suq li sejjer lura. Għal dan il-għan, hija tqabbel l-iżvilupp tal-konsum apparenti tal-prodott jew prodotti fil-kwistjoni mar-rata ta' tkabbir tal-industrija tal-manifattura fit-totalità tagħha fil-livell taż-ŻEE.

(110) Kif indikat hawn fuq, il-Kummissjoni qed taffaċċja l-problema tan-nuqqas ta' dejta affidabbli dwar is-settur konċernat. Mhuwiex għalhekk possibli li jiġi kkalkulat l-użu tal-kapaċitajiet, u l-anqas il-konsum apparenti, għal dan is-settur.

(111) Fuq il-bażi tal-analiżi tal-iżvilupp tas-suq, fattur ta' 0,75 għandu jiġi applikat għall-parti tal-investiment attribwita lill-produzzjoni ta' *ħġieġ float* (*raw float glass* - NM 7005). Għall-parti tal-investiment relatata mal-ħġieġ laminat jew miksi għall-kostruzzjoni (*laminated* or *coated building glass*) li jaqa' taħt il-kategoriji NM 7007 u 7008, fattur ta' kompetizzjoni 1 għandu jiġi applikat.

(112) L-MSF 1998 ma jipprevedix sitwazzjoni li fiha żewġ fatturi jew aktar ta' 'kompetizzjoni' jistgħu jiġu applikati fir-rigward ta' investiment wieħed li għalih żvilupp differenzjat tas-suq ġie evalwat għal kull prodott ikkonċernat. Safejn, fil-każ fil-kwistjoni, l-applikazzjoni ta' wieħed miż-żewġ fatturi għall-investiment kollu ikun mhux biss sproporzjonat imma wkoll mhux eżatt, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-fattur ta' kompetizzjoni għandu jkun ikkalkulat b'mod li jirrifletti l-iżvilupp tas-suq għal kull prodott ikkonċernat.

(113) Minħabba l-fatt li l-proġett jikkonsisti f'fabbrika integrata b'mod sħiħ, ikun artifiċjali li jiġi stabbilit fattur ta' kalkolu maħdum fuq il-valur relattiv għall-investiment fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti kkonċernati. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni użat fattur ta' kalkolu ta' 40/60, li huwa bbażat fuq il-kapaċitajiet rispettivi impoġġija fuq is-suq mill-bejneficjarju tal-għajnuna.

(114) Dan jirriżulta f'koeffiċjent T ta' 0,85 [1], li jirrappreżenta l-fattur "kompetizzjoni" (1 u 0,75) fiż-żewġt iswieq.

Il-fattur "proporzjon kapital/xogħol" (I)

(115) L-elementi ġodda ta' informazzjoni pprovduti mill-awtoritajiet Franċiżi jagħtu lok għal koeffiċjent ġdid "proporzjon kapital/xogħol": l-ammont tal-investiment eleġibbli huwa ta' EUR 158,5 miljun. Franza indikat li n-numru ta' impjiegi diretti maħluqa huwa ta' 176 għal żmien fiss. Il-proporzjon kapital/xogħol huwa għalhekk ta' 900. Peress li dan il-proporzjon huwa inkluż bejn 701 u 1 000, jeħtieġ li jiġi applikat fattur I ta' 0,7 minflok ta' 0,8 kif kien previst fil-bidu (punt 3.10(2) tal-MSF 1998).

Il-fattur "impatt reġjonali" (M)

(116) L-elementi ġodda ta' informazzjoni pprovduti mill-awtoritajiet Franċiżi jagħtu lok għal koeffiċjent ġdid "impjiegi indiretti/impjiegi diretti". Franza indikat li n-numru ta' impjiegi indiretti maħluqa huwa ta' 150, li jirrappreżenta 85 % tal-impjiegi diretti. Peress li dan il-persentaġġ huwa inkluż bejn 50 u 100 %, jeħtieġ li jiġi applikat fattur M ta' 1,1 minflok 1,2 kif kien previst fil-bidu (punt 3.10(3) tal-MSF 1998).

Kalkolu tal-intensità ta' għajnuna massima ammissibbli

(117) B'konsiderazzjoni ta' dak li ġie qabel, l-intensità massima riveduta tal-għajnuna ammissibbli f'dan il-każ hija għalhekk ta': R × T × I × M = 15 % × 0,85 × 0,7 × 1,1 = 9,82 % (meta kienet ta' 12,24 % fid-Deċiżjoni 2000).

### 6.7. **Konklużjoni dwar il-kumpatibbiltà tal-għajnuniet mogħtija**

(118) B'konsiderazzjoni ta' dawn l-elementi ġodda kollha, il-livell ta' għajnuna mogħtija huwa inferjuri għal dak li kien ippjanat fl-2000. L-ispejjeż eliġibbli tal-proġett jammontaw għal EUR 158,5 miljun (EUR 150,165 miljun f'valur nett preżenti).

(119) Skont il-metodu deskritt fl-Anness I tal-Linji gwida tal-1998 dwar l-għajnuniet tal-Istat għal skopijiet reġjonali, l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li wieħed jasal għal ESN ta' EUR 12 985 610 għal għajnuna nominali ta' EUR 17 106 280.

[1] (0,4 × 1) + (0,6 × 0,75).

(120) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-intensità tal-għajnuniet għall-proġett PGF/IGCF tistabbilixxi ruħha għalhekk għal 8,65 % ESN (12 985 610/150 165 000), li hija anqas mill-intensità massima ammissibli kkalkulata mill-ġdid biex jiġi kkunsidrat l-iżvilupp tal-parametri tal-proġett (9,82 % ESN).

(121) L-intensità ta' għajnuna nnotifikata ta' 8.65 % ESN li Franza tipproponi li tagħti lil PGF/IGCF tissodisfa l-kundizzjonijiet li jippermettu li tiġi kkunsidrata kompatibbli mal-MFS 1998.

(122) Peress li l-proġett ta' investiment intemm, m'hemmx lok li jiġu applikati l-kundizzjonijiet ta' kontroll *a posteriori* previsti f'punt 6 tal-MFS 1998. Franza tista' għalhekk tiġi awtorizzata tħallas il-bqija tal-aħħar porzjon tal-għajnuna, jiġifieri EUR 727 389 (f'valur nominali), lil PGF/IGCF.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni adottata fis-17 ta' Awwissu 2000 fil-każ Nru 291/2000 hija rrevokata.

*Artikolu 2*

L-għajnuna tal-Istat li Franza qed tippjana li timplimenta favur PGF/IGCF ta' intensità ta' 8.65 % ESN hija kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE.

L-implimentazzjoni ta' din l-għajnuna hija għalhekk awtorizzata.

Franza hija awtorizzata tħallas il-bqija tal-għajnuna, jiġifieri EUR 727 389 (f'valur nominali), lil PGF/IGCF.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Franza.

Magħmula fi Brussell, 10 ta' Diċembru 2008

*Għall-Kummissjoni*

Neelie KROES

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-19 ta' Frar 2009

## dwar il-ħatra tal-membri u l-konsulenti tal-Kumitati Xjentifiċi u l-Grupp imwaqqaf mid-Deċiżjoni 2008/721/KE

(2009/146/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/721/KE tal-5 ta' Settembru 2008 li twaqqaf struttura konsultattiva ta' Kumitati Xjentifiċi u esperti fil-qasam tas-sikurezza tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/210/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 4 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 2008/721/KE, il-Kummissjoni waqqfet tliet Kumitati Xjentifiċi, dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS), dwar is-Saħħa u r-Riskji ambjentali (SCHER) u dwar ir-Riskji Emerġenti għas-Saħħa u dawk Identifikati Reċentement (SCENIHR) u l-Grupp ta' Konsulenti Xjentifiċi dwar il-valutazzjoni tar-Riskju (minn issa 'l quddiem il-Grupp), fil-qasam tas-sikurezza tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent.

(2) Is-SCCS, is-SCHER u s-SCENIHR għandhom kull wieħed jikkonsistu f'massimu ta' 17-il membru u n-numru ta' konsulenti xjentifiċi fil-Grupp fi kwalunkwe żmien għandu jiġi deċiż mill-Kummissjoni skont il-bżonn tagħha għal konsultazzjoni xjentifika. Sabiex tkopri b'mod adegwat il-firxa wiesgħa ta' suġġetti xjentifiċi li fuqhom hemm ippjanat li ssir konsultazzjoni mal-Kumitati Xjentifiċi matul il-mandat tagħhom, huwa xieraq li n-numru ta' membri ta' kull Kumitat Xjentifiku jkun iffissat għal 17 u n-numru ta' Konsulenti Xjentifiċi tal-Grupp ikun iffissat għal 189.

(3) Skont l-Artikoli 3(4) u 4(2) tad-Deċiżjoni 2008/721/KE, ġiet ippubblikata sejħa għal espressjonijiet ta' interess li stabbiliet ukoll il-kriterji tas-selezzjoni u l-proċedura ta' evalwazzjoni, li wasslet għal listi ta' kandidati xierqa li minnhom il-Kummissjoni taħtar il-membri tal-Kumitati Xjentifiċi u l-Konsulenti Xjentifiċi tal-Grupp.

(4) Skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2008/721/KE, is-selezzjoni tal-membri tal-Kumitati saret skont il-kompetenza tagħhom u b'mod konsistenti ma' dan distribuzzjoni ġeografika li tirrifletti d-diversità ta' problemi u metodi xjentifiċi, notevolment fl-Ewropa, u, skont l-Artikolu 4(1) tal-istess Deċiżjoni, is-selezzjoni tal-Konsulenti saret b'konsiderazzjoni tal-għan li tkun koperta l-usa' firxa ta'dixxiplini kollha possibbli,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Waħdieni*

In-Numru ta' membri ta' kull wieħed mit-tliet Kumitati Xjentifiċi imwaqqaf mid-Deċiżjoni 2008/721/KE huwa ffissat għal 17. L-esperti mniżżla fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni huma maħtura bħala membri ta' dawk il-Kumitati.

In-numru ta' konsulenti xjentifiċi fil-Grupp huwa ffissat għal 189 u l-esperti mniżżla fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni huma maħtura bħala Konsulenti Xjentifiċi dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju għall-Grupp imwaqqaf mid-Deċiżjoni 2008/721/KE.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 241, 10.9.2008, p. 21.

*ANNESS I*

**Lista ta' esperti maħtura bħala membri tal-kumitati xjentifiċi**

Lista f'ordni alfabetika tal-esperti maħtura bħala membri tal-Kumitati Xjentifiċi mwaqqfa mid-Deċiżjoni 2008/721/KE.

*Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur*

| Kunjom | L-ewwel isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| Angerer | Jürgen | Institute for Occupational and Environmental Medicine, Erlagen, Germany |
| Bernauer | Ulrike | Federal Institute for Risk Assessment (BfR), Berlin, Germany |
| Chambers | Claire | Chambers Toxicological Consulting, Wicklow, Ireland |
| Chaudhry | Mohammad | Central Science Laboratory, Sand Hutton, York, United Kingdom |
| Degen | Gisela | Leibniz Research Centre for Working Environment and Human Factors (IfADo), Dortmund, Germany |
| Eisenbrand | Gerhard | University of Kaiserslautern, Kaiserslautern, Germany |
| Galli | Corrado | University of Milan, Milan, Italy |
| Platzek | Thomas | Federal Institute for Risk Assessment (BfR), Berlin, Germany |
| Rastogi | Suresh | Retired |
| Rogiers | Vera | Vrije Universiteit Brussel, Brussels, Belgium |
| Rousselle | Christophe | French Agency for Environmental and Occupationnal Health Safety (Afsset), Maisons-Alfort, France |
| Sanner | Tore | Retired |
| Savolainen | Kai | Finnish Institute of Occupational Health, Helsinki, Finland |
| Van engelen | Jacqueline | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Vinardell | Maria | University of Barcelona, Barcelona, Spain |
| Waring | Rosemary | University of Birmingham, Edgbaston Birmingham, United Kingdom |
| White | Ian | Guy's & St Thomas' NHS Hospitals, London, United Kingdom |

*Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent*

| Kunjom | L-ewwel isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| Ackermann-Liebrich | Ursula | Swiss School of Public Health, Zürich, Switzerland |
| Autrup | Herman | University of Aarhus, Aarhus, Denmark |
| Bard | Denis | École des hautes Études en santé publique (EHESP), Rennes, France |
| Calow | Peter | Roskilde University, Roskilde, Denmark |
| Canna-Michaelidou | Stella | State General Laboratory, Nicosia, Cyprus |
| Davison | John | French National Institute for Agricultural Research (INRA), Paris, France |
| Dekant | Wolfgang | University of Würzburg, Würzburg, Germany |

| Kunjom | L-ewwel isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| De voogt | Pim | University of Amsterdam, Amsterdam, The Netherlands |
| Gard | Arielle | University of Montpellier, Montpellier, France |
| Greim | Helmut | Retired |
| Hirvonen | Ari | Finnish Institute of Occupational Health, Helsinki, Finland |
| Janssen | Colin | Ghent University, Ghent, Belgium |
| Linders | Jan | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Peterlin | Borut | University Medical Center Ljubljana, Ljubljana, Slovenia |
| Tarazona | Jose | Spanish National Institute for Agriculture and Food Research and Technology, Madrid, Spain |
| Testai | Emanuela | Istituto Superiore di Sanità, Rome, Italy |
| Vighi | Marco | University of Milano Bicocca, Milan, Italy |

*Kumitat Xjentifiku għar-Riskji tas-Saħħa Emerġenti jew Reċentement Identifikati*

| Kunjom | L-Ewwel Isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| Auvinen | Anssi | University of Tampere, Tampere, Finland |
| Bridges | James | Retired |
| Dawson | Kenneth | University College Dublin, Belfield, Ireland |
| De jong | Wim | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Hartemann | Philippe | Université Henri Poincaré, Nancy, France |
| Hoet | Peter | Katholieke Universiteit Leuven, Leuven, Belgium |
| Jung | Thomas | Paul Scherrer Institute, Villigen PSI, Switzerland |
| Mattsson | Mats-Olof | Örebro University, Örebro, Sweden |
| Norppa | Hannu | Finnish Institute of Occupational Health, Helsinki, Finland |
| Pagès | Jean-Marie | Inserm and Université de la Méditerranée, Marseille, France |
| Proykova | Ana | University of Sofia, Sofia, Bulgaria |
| Rodríguez-Farré | Eduardo | Consejo Superior de Investigaciones Cientificas (CSIC), Madrid, Spain |
| Schulze-Osthoff | Klaus | University Clinics Tübingen, Tübingen, Germany |
| Schüz | Joachim | Danish Cancer Society, Institute of Cancer Epidemiology, Copenhagen, Denmark |
| Stahl | Dorothea | Paracelsus Private Medical University, Salzburg, Austria |
| Thomsen | Mogens | Retired |
| Vermeire | Theodorus | National Institute of Public Health and the Environment (RIVM), The Netherlands |

*ANNESS II*

**Lista ta' esperti maħtura bħala konsulenti dwar il-valutazzjoni tar-riskju**

Lista f'ordni alfabetika tal-esperti maħtura mill-Kummissjoni bħala Konsulenti Xjentifiċi dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju għall-Grupp imwaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/721/KE.

| Kunjom | L-ewwel isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| Ahlers | Jan | Retired |
| Algorta | Jaime | Progenika Biopharma Group, Derio, Spain |
| Altenburger | Rolf | Helmholtz Centre for Environmental Research, Leipzig, Germany |
| Ambrogi | Nicoletta | Department of pharmaceutical assistance Local Public Health Unit 4, Terni, Italy |
| André | Jean-Claude | Centre National de la Recherche Scientifique (CNRS), Paris, France |
| Assmuth | Timo | Finnish Environment Institute (SYKE), Helsinki, Finland |
| Baars | Aalbert | Retired |
| Bailey | Andrew | ViruSure GmbH, Vienna, Austria |
| Balicer | Ran | Clalit Health Services, Tel.-Aviv, Israel |
| Bell | David | University of Nottingham, Nottingham, United Kingdom |
| Bernard | Alfred | Université Catholique de Louvain (UCL), Louvain-la-Neuve, Belgium |
| Berry | Bernard | Berry Environmental Ltd., Shepperton, United Kingdom |
| Bommelaer | Jean | Laboratoire Shadeline France, Mouans-Sartoux, France |
| Boogaard | Pieter | Shell, The Hague, The Netherlands |
| Borrego | Carlos | University of Aveiro, Aveiro, Portugal |
| Breckenridge | Ross | University College London, London, United Kingdom |
| Broschard | Thomas | Merck KGaA, Darmstadt, Germany |
| Brunnhuber | Stefan | University of Essen, Essen, Germany |
| Bubenheim | Michael | University Hospital of Rouen, Rouen, France |
| Cabanes | Pierre-André | Electricité de France, Paris, France |
| Calvo Rojas | Gonzalo | Hospital Clinic i Provincial of Barcelona, Barcelona, Spain |
| Carroquino | Maria | Instituto de Salud Carlos III, Madrid, Spain |
| Cazals | Yves | Institut National de la Santé et de la Recherche Médicale (INSERM), Paris, France |
| Colbeck | Ian | University of Essex, Colchester, United Kingdom |
| Coleman | Michael | Aston University, Birmingham, United Kingdom |
| Cooke | Allan Melvin | Alchemy Compliance Ltd., Nottinghamshire, United Kingdom |
| Cotrim | Teresa | Technical University of Lisbon, Lisbon, Portugal |
| Crawford-Brown | Douglas | Pell Frischmann, London, United Kingdom |

| Kunjom | L-ewwel isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| Cuypers | Ann | Hasselt University, Diepenbeek, Belgium |
| Dal Negro | Gianni | GlaxoSmithKline, Verona, Italy |
| Darbre | Philippa | University of Reading, Reading, United Kingdom |
| De Gaetano | Giovanni | Catholic University, Campobasso, Italy |
| Del Mazo | Jesus | Consejo Superior de Investigaciones Cientificas (CSIC), Madrid, Spain |
| De Paepe | Boel | Ghent University Hospital, Ghent, Belgium |
| De Sutter | Petra | Ghent University, Ghent, Belgium |
| Di Guardo | Antonio | University of Insubria, Varese, Italy |
| Dorigan | Lee | Public Health - Seattle & King County, Seattle, US |
| Dreher | Jean-Claude | Centre National de la Recherche Scientifique (CNRS), Bron, France |
| Duffus | John | John H Duffus, Edinburgh, United Kingdom |
| Ellerbrok | Heinz | Robert Koch-Institut, Berlin, Germany |
| Emmanouil-Nikoloussi | Elpida-Niki | Aristotle University of Thessaloniki (AUTH), Thessaloniki, Greece |
| Fernandes | Teresa | Napier University, Edinburgh, United Kingdom |
| Figueras | Maria | University Rovira I Virgili, Tarragona, Spain |
| Fillet | Anne-Marie | Electricité de France, Paris, France |
| Floc'h | François | ITEConsult, Genay, France |
| Fruijtier-Pölloth | Claudia | CATS Consultants GmbH, Graefelfing, Germany |
| Fustinoni | Silvia | Fondazione IRCCS Ospedale Maggiore Policlicnico Mangiagalli e Regina Elena, Milan, Italy |
| Galley-Taylor | Magdalen | Leicestershire County and Rutland Primary Care Trust, Enderby, United Kingdom |
| Garrigue | Jean-Luc | ImmunoSearch, Grasse, France |
| Gheber | Levi | Ben-Gurion University of the Negev, Beer-Sheva, Israel |
| Gibb | Herman | Tetra Tech Sciences, Arlington, US |
| Giménez-Arnau | Ana | Hospital del Mar. IMAS., Barcelona, Spain |
| Gjomarkaj | Mark | Consiglio Nazionale delle Ricerche, Rome, Italy |
| Goldberg | Michel | Retired |
| Gordts | Bart | Algemeen ziekenhuis Sint Jan, Brugge, Belgium |
| Gorski | Andrzej | Warsaw Medical University/Polish Academy of Sciences, Warsaw, Poland |
| Grandjean | Philippe | University of Southern Denmark, Odense, Denmark |
| Greil | Gerald | King's College London, London, United Kingdom |
| Griem | Peter | Clariant Produkte (Deutschland) GmbH, Sulzbach, Germany |

| Kunjom | L-ewwel isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| Gushulak | Brian | Government of Kanada - Citizenship and Immigration Kanada, Ottawa, Kanada |
| Håkansson | Helen | Karolinska Institutet, Stockholm, Sweden |
| Hanke | Wojciech | Nofer Institute of Occupational Medicine (NIOM), Lodz, Poland |
| Harrison | Paul | PTCH Consultancy Limited, Market Harborough, United Kingdom |
| Hassenzahl | David | University of Nevada, Las Vegas, US |
| Hauptmann | Michael | Netherlands Cancer Institute, Amsterdam, The Netherlands |
| Hayward | Gordon | Consumer Risk Limited, London, United Kingdom |
| Heederik | Dirk | Utrecht University, Utrecht, The Netherlands |
| Hellebek | Annemarie | Hvidovre University Hospital, Hvidovre, Denmark |
| Hensten | Arne | University of Tromsö, Tromsö, Norway |
| Hurley | John Fintan | Institute of Occupational Medicine, Edinburgh, United Kingdom |
| Jacobsen | Hans-Jörg | Leibniz-University Hannover, Hannover, Germany |
| Jaźwiec-Kanyion | Bożena | Medical Center OMEGA, Sosnowiec, Poland |
| Jensen | Allan | Force Technology, Brøndby, Denmark |
| Jobling | Susan | Brunel University, Uxbridge, United Kingdom |
| Johansen | Jeanne Duus | Gentofte University Hospital, Hellerup, Denmark |
| Kneuer | Carsten | Federal Institute for Risk Assessment (BfR), Berlin, Germany |
| Koennecker | Gustav | Fraunhofer Institute of Toxicology and Experimental Medicine (ITEM), Hannover, Germany |
| Komulainen | Hannu | National Public Health Institute, Helsinki, Finland |
| Koppe | Janna | Retired |
| Krätke | Renate | Federal Institute for Risk Assessment (BfR), Berlin, Germany |
| Kreyling | Wolfgang | Helmholtz Zentrum München, German Research Center for Environmental Health, Neuherberg/München, Germany |
| Kruize | Hanneke | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Lambré | Claude | Institut National de la Santé et de la Recherche Médicale (INSERM), Paris, France |
| Lambrozo | Jacques | Electricité de France, Paris, France |
| Landsiedel | Robert | BASF, Ludwigshafen, Germany |
| Latini | Giuseppe | Perrino Hospital, Brindisi, Italy |
| Laurent | Christian | Unemployed |
| Lebret | Erik | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Lens | Piet | Unesco-IHE, Delft, The Netherlands |

| Kunjom | L-ewwel isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| LIchtenbeld | Hera | NanoTox BV and Biomedbooster BV, Maastricht, The Netherlands |
| Lilienblum | Werner | LiCoTox (Lilienblum Consulting Toxicology), Hemmingen/Han., Germany |
| Liu | Qintao | AstraZeneca UK Ltd., Brixham, United Kingdom |
| Lopes | Isabel | University of Aveiro, Aveiro, Portugal |
| Luches | Armando | University of Salento, Lecce, Italy |
| Macpherson | Douglas | Faculty of Health Sciences, McMaster University, Hamilton, Ontario, Kanada |
| Maillard | Jean-Yves | Welsh School of Pharmacy, Cardiff University, Cardiff, United Kingdom |
| Mamo | Julian | University of Malta, Msida, Malta |
| Mangelsdorf | Inge | Fraunhofer Institute of Toxicology and Experimental Medicine (ITEM), Hannover, Germany |
| Marti | Amelia | University of Navarra, Pamplona, Spain |
| Marti-Mestres | Gilberte | University of Montpellier I, Montpellier, France |
| Martínez Serrano | Alberto | Autonomous University of Madrid (UAM), Madrid, Spain |
| Melhus | Äsa | Uppsala University, Uppsala University Hospital, Uppsala, Sweden |
| Melissos | Dimitrios | QACS Ltd, Athens, Greece |
| Minor | Philip | National Institute for Biological Standards and Control, Blanche Lane, South Mimms, Potters Bar, United Kingdom |
| Mølhave | Lars | University of Aarhus, Aarhus, Denmark |
| Montanaro | Fabio | Fabio Montanaro, Genova, Italy |
| Moseley | Harry | University of Dundee Ninewells Hospital & Medical School, Dundee, United Kingdom |
| Moulin | Gérard | National agency for veterinary medicinal products, Fougères, France |
| Mühlemann | Marc | Agroscope Liebefeld-Posieux Research Station ALP, Berne, Switzerland |
| Mulon | Laurence | Mulon Conseil, Saint Maurice, France |
| Navas | José | Spanish National Institute for Agricultural and Food Research and Technology, Madrid, Spain |
| Nemery De Bellevaux | Benoit | Katholieke Universiteit Leuven, Leuven, Belgium |
| Nielsen | Elsa | Technical University of Denmark, Søborg, Denmark |
| Nogueira | António | University of Aveiro, Aveiro, Portugal |
| Nohynek | Gerhard | L'Oreal Research and Development, Asnieres, France |
| Nordberg | Monica | Karolinska Institutet, Stockholm, Sweden |
| Nübling | Claudius | Paul-Ehrlich-Institut, Langen, Germany |
| Nychas | George-John | Agricultural University of Athens, Athens, Greece |

| Kunjom | L-ewwel isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| Pallapies | Dirk | Forschungsinstitut für Arbeitsmedizin der Deutschen Gesetzlichen Unfallversicherung (BGFA), Bochum, Germany |
| Papadopoulou | Chrissanthy | University of Ioannina, Ioannina, Greece |
| Pandiella | Atanasio | Consejo Superior de Investigaciones Cientificas (CSIC), Madrid, Spain |
| Pauwels | Marleen | Vrije Universiteit Brussel, Brussels, Belgium |
| Peijnenburg | Willie | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Peltonen | Kimmo | Finnish Food Safety Authority (Evira), Helsinki, Finland |
| Pereira | Ruth | University of Aveiro, Aveiro, Portugal |
| Petrova | Rumiana | Retired |
| Pickup | Roger | Natural Environment Research Council, Centre for Ecology and Hydrology, Bailrigg, United Kingdom |
| Pirnay | Jean-Paul | Queen Astrid Military Hospital, Brussels, Belgium |
| Pitard | Alexandre | Fédération des Réseaux de Santé de Franche-Comté, Besançon, France |
| Polettini | Aldo | University of Verona, Verona, Italy |
| Popov | Todor | Retired |
| Porzsolt | Franz | University of Ulm, Ulm, Germany |
| Pratt | Iona | Food Safety Authority of Ireland, Dublin, Ireland |
| Pukkala | Eero | Finnish Cancer Registry, Helsinki, Finland |
| Quesniaux | Valerie | Centre National de la Recherche Scientifique (CNRS), Paris, France |
| Ramsden | David | Retired |
| Richert | Susann | Industriepark Wolfgang GmbH, Hanau, Germany |
| Riese | Hans | Instituto de Salud Carlos III, Madrid, Spain |
| Robbins | Anthony | Retired |
| Ryffel | Bernhard | Centre National de la Recherche Scientifique (CNRS), Orléans, France |
| Sacile | Roberto | University of Genova, Genova, Italy |
| Sakellaris | George | National Hellenic Research Foundation (NHRF), Athens, Greece |
| Salifoglou | Athanasios | Aristotle University of Thessaloniki, Thessaloniki, Greece |
| Salman | Mo | Colorado State University, Colorado, US |
| Sans Menéndez | Susana | Institute of Health Studies – Generalitat of Catalonia, Barcelona, Spain |
| Santos-Sanches | Ilda | Universidade Nova de Lisboa, Lisbon, Portugal |
| Saravanane | Raman | Pondicherry Engineering College, Pondicherry, India |
| Schnekenbur-Ger | Jürgen | Westfälische Wilhelms-Universität, Münster, Germany |
| Schowanek | Diederik | Procter & Gamble Eurocor, Strombeek-Bever, Belgium |

| Kunjom | L-ewwel isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| Schulte | Stefan | BASF, Ludwigshafen, Germany |
| Scialli | Anthony | Tetra Tech Sciences, Arlington, US |
| Sharp | Stephen | Medical Research Council, Cambridge, United Kingdom |
| Simms | Ian | Health Protection Agency (HPA), London, United Kingdom |
| Simkó | Myrtill | Austrian Academy of Sciences, Institute of Technology Assessment, Vienna, Austria |
| Straif | Kurt | International Agency for Research on Cancer (IARC), Lyon, France |
| Stück | Wolfgang | Wolfgang Stück, Koblenz, Germany |
| Spindler | Per | University of Copenhagen, Copenhagen, Denmark |
| Suh Macintosh | Helen | Harvard School of Public Health, Boston, US |
| Sweet | Jeremy | Sweet Environmental Consultants, Cambridge, UK |
| Tchepel | Oxana | University of Aveiro, Aveiro, Portugal |
| Torok | Andrea | National Institute for Environmental Health, Budapest, Hungary |
| Torrence | Mary | Department of Agriculture - Agricultural Research Service, Beltsville, US |
| Trevisan | Marco | Università Cattolica del Sacro Cuore, Piacenza, Italy |
| Tribsch | Andreas | University of Salzburg, Salzburg, Austria |
| Tytgat | Jan | Catholic University of Leuven, Leuven, Belgium |
| Uter | Wolfgang | Friedrich-Alexander University (FAU), Erlangen, Germany |
| Vallaeys | Tatiana | University of Montpellier II, Montpellier, France |
| Van Beelen | Patrick | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Van Benthem | Jan | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Van De Meent | Dirk | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Van Den Hazel | Peter | Public Health Services Gelderland Midden, Arnhem, The Netherlands |
| Van Der Laan | Jan Willem | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Vanhaecke | Tamara | Vrije Universiteit Brussel, Brussels, Belgium |
| Van Rongen | Eric | Health Council of the Netherlands, The Hague, The Netherlands |
| Verbeken | Gilbert | Ministry of Defence, Brussels, Belgium |
| Viluksela | Matti | National Public Health Institute, Kuopio, Finland |
| Virtanen | Jorma | University of Helsinki, Helsinki, Finland |
| Voncina | Ernest | Institute of Public Health, Maribor, Slovenia |
| Von Stackelberg | Katherine | Harvard School of Public Health, Boston, US |

| Kunjom | L-ewwel isem | Istitut jew organizzazzjoni ta' affiljazzjoni |
|---|---|---|
| Wallet | France | Electricité de France, Paris, France |
| Walochnik | Julia | Medical University of Vienna, Vienna, Austria |
| Wester | Piet | National Institute for Public Health and the Environment (RIVM), Bilthoven, The Netherlands |
| Widén | Frederik | Statens Veterinärmedicinska Anstalt, Uppsala, Sweden |
| Willing | Andreas | Cognis GmbH, Düsseldorf, Germany |
| Wu | Qinglan | Det Norske Veritas As, Hoevik, Norway |
| Yang | Hong | US Food and Drug Administration, Rockville, Maryland, US |
| Yu | Il Je | Korea Environment & Merchandise Testing Institute, Incheon, Korea |
| Zappa | Giovanna | Italian National Agency for New Technology, Energy and the Environment (ENEA), Rome, Italy |
| Zouali | Moncef | Institut National de la Santé et de la Recherche Médicale (INSERM), Paris, France |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-19 ta' Frar 2009

## dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-2008 li tkopri n-nefqa mġarrba mill-Ġermanja, l-Olanda u s-Slovenja bl-għan li jiġu miġġielda organiżmi ta' ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 1013)*

**(It-testi Olandiżi, Ġermaniżi u Sloveni biss huma awtentiċi)**

(2009/147/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Direttiva 2000/29/KE, tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lill-Istati Membri biex ikopru n-nefqa relatata direttament mal-miżuri meħtieġa li jkunu ttieħdu, jew huma ppjanati li jittieħdu, bl-għan li jiġu miġġielda organiżmi ta' ħsara introdotti minn pajjiżi terzi jew minn żoni oħra fil-Komunità, biex jinqerdu jew, jekk dan ma jkunx possibbli, biex jiġu ristretti.

(2) Il-Ġermanja, l-Olanda u s-Slovenja lkoll stabbilixxew programm ta' azzjonijiet biex jeqirdu organiżmi ta' ħsara lill-pjanti li jkunu ġew introdotti fit-territorji tagħhom. Dawn il-programmi jispeċifikaw l-għanijiet li għandhom jintlaħqu, il-miżuri mwettqa, it-tul tagħhom u kemm jiswew. Il-Ġermanja, l-Olanda u s-Slovenja applikaw għall-allokazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal dawn il-programmi fil-limitu taż-żmien stabbilit fid-Direttiva 2000/29/KE u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1040/2002 tal-14 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet relatati mal-allokazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-kontroll fuq is-saħħa tal-pjanti u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2051/97 [2].

(3) It-tagħrif tekniku mogħti mill-Ġermanja, l-Olanda u s-Slovenja ppermetta lill-Kummissjoni biex tanalizza s-sitwazzjoni b'mod akkurat u komprensiv u biex tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, kif stabbilit b'mod partikolari fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 2000/29/KE, intlaħqu. Għaldaqstant, huwa xieraq li tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità biex tkopri n-nefqa fuq dawn il-programmi.

(4) Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità tista' tkopri sa 50 % tan-nefqa eliġibbli. Madankollu, skont l-Artikolu 23(5) it-tielet paragrafu tad-Direttiva 2000/29/KE, ir-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal parti mill-programm ippreżentat mill-Olanda għall-kontroll ta' *Diabrotica virgifera virgifera* Le Conte, għandha titnaqqas ladarba l-programm innotifikat minn dan l-Istat Membru diġà kien suġġett għal fondi mill-Komunità taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/877/KE [3].

(5) Skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2000/29/KE l-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk l-introduzzjoni tal-organiżmu ta' ħsara rilevanti ġietx ikkawżata minn eżaminazzjonijiet jew spezzjonijiet inadegwati u tadotta l-miżuri meħtieġa mis-sejbiet tal-verifika tagħha.

(6) Skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni [4], il-miżuri għas-saħħa tal-pjanti għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Garanzija. Għall-finijiet ta' kontroll finanzjarju ta' dawn il-miżuri, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 36 u 37 tar-Regolament imsemmi hawn fuq.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti.

---

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
[2] ĠU L 157, 15.6.2002, p. 38.
[3] ĠU L 344, 28.12.2007, p. 51.
[4] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-allokazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-2008 biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Ġermanja, l-Olanda u s-Slovenja relatata mal-miżuri meħtieġa kif speċifikat fl-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2000/29/KE u li ttieħdet bl-għan li jiġu miġġielda l-organiżmi kkonċernati mill-programmi ta' eradikazzjoni elenkati fl-Anness hija hawnhekk approvata.

*Artikolu 2*

1. Is-somma totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 1 hija ta' EUR 871 953.

2. Is-somma massima tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal kull programm għandha tkun kif indikata fl-Anness.

*Artikolu 3*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità kif stabbilit fl-Anness għandha titħallas skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) evidenza tal-miżuri meħuda tkun ingħatat skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1040/2002.

(b) talba għall-ħlas tkun tressqet mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1040/2002.

Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja hija mingħajr preġudizzju għall-verifiki mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2000/29/KE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Renju tal-Olanda u lir-Repubblika Slovena.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

## PROGRAMMI TA' ERADIKAZZJONI

**Taqsima I — Programmi li għalihom il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità hija ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli.**

| L-Istat Membru | L-organiżmi ta' ħsara miġġielda | Il-pjanti milquta | Sena | Nefqa eleġibbli (EUR) | Il-massimu tal-kontribuzzjoni mill-Komunità (EUR) Għal kull programm |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja, ir-reġjun ta' Baden-Württemberg | *Diabrotica virgifera* | *Zea mays* | 2007 | 481 817 | 240 908 |
| Il-Ġermanja, ir-reġjun tal-Bavarja | *Diabrotica virgifera* | *Zea mays* | 2007 | 197 319 | 98 659 |
| L-Olanda | *Diabrotica virgifera* | *Zea mays* | 2006 | 125 320 | 62 660 |
| L-Olanda | *PSTVd* | *Brugmansia* spp, *Solanum jasminoides* | 2006, 2007 | 687 606 | 343 803 |
| L-Olanda | *TRSV* | *Hemerocallis* spp, *Iris* spp. | 2006 | 148 589 | 74 294 |
| Is-Slovenja | *Dryocosmus kuriphilus* | *Castanea* sp. | 2007 | 41 307 | 20 653 |

**Taqsima II — Programmi li għalihom ir-rati tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità jvarjaw, bl-applikazzjoni tad-digressività.**

| L-Istat Membru | L-organiżmi ta' ħsara miġġielda | Il-pjanti milquta | Sena | a | Nefqa eleġibbli (EUR) | Rata (%) | Il-massimu tal-kontribuzzjoni mill-Komunità (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Olanda | *Diabrotica virgifera* | *Zea mays* | 2007 | 3 | 68 837 | 45 | 30 976 |

| | |
|---|---|
| It-total tal-kontribuzzjoni mill-Komunità (EUR) | 871 953 |

*Tifsira:*

a = Is-sena ta' implimentazzjoni tal-programm ta' eradikazzjoni.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-19 ta' Frar 2009

## li temenda d-Deċiżjoni 2008/883/KE rigward il-Brażil li tikkonċerna d-data minn meta ġiet awtorizzata l-importazzjoni fil-Komunità ta' ċertu laħam frisk tal-bovini

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 1040)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/148/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-frażi ta' introduzzjoni tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt (1) tal-Artikolu 8 u l-punt (4) tal-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li tfassal lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja, għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom ([2]) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet sanitarji għall-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali ħajjin, minbarra l-ekwini, u tal-laħam frisk ta' annimali ta' din ix-xorta, imma teskludi l-preparazzjonijiet tal-laħam.

(2) Id-Deċiżjoni 79/542/KEE tipprovdi li l-importazzjonijiet tal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem huma permessi biss jekk dan il-laħam ikun ġej minn territorju ta' pajjiż terz jew xi parti minnu mniżżel fil-Parti 1 tal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, u jekk il-laħam frisk jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fiċ-ċertifikat veterinarju adattat għal dan il-laħam fi qbil mal-mudelli stipulati fil-Parti 2 ta' dan l-Anness, waqt li jittieħdu inkonsiderazzjoni l-kundizzjonijiet speċifiċi kollha jew il-garanziji supplimentari kollha meħtieġa għal dan il-laħam.

(3) Id-Deċiżjoni 79/542/KEE, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/642/KE ([3]), inter alia, li daħħlet mill-ġdid lill-Istati tal-Paranà u São Paulo fid-dħulgħall-Brażil f'Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE, bil-kodiċi tat-territorju BR-3 għall-importazzjoni fil-Komunità ta' laħam tal-bovini mingħajr għadam u laħam immaturat minn annimali maqtula nhar jew wara l-1 ta' Awwissu 2008.

(4) Id-Deċiżjoni 79/542/KEE, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/883/KE ([4]), emendat iktar dak l-Anness fir-rigward id-dħulgħall-Brażil bil-kodiċi tat-territorju BR-1 biex iddaħħal mill-ġdid lil Mato Grosso do Sul u tinkludi l-bqija tal-Istati ta' Minas Gerais u Mato Grosso biex tkun permessal-importazzjoni fil-Komunità tal-laħam tal-bovini mingħajr għadam u laħam immaturat minn annimali maqtula nhar jew wara l-1 ta' Diċembru 2008. Madanakollu, l-Artiklu 2 tad-Deċiżjoni 2008/883/KE tippermetti l-importazzjoni fil-Komunità ta' kunsinni ta' ċanga friska mingħajr għadam u mmaturata mit-territorju bil-kodiċi BR-1 kif iddefenit fid-Deċiżjoni 2008/642/KE u li ġejja minn annimali maqtula qabel l-1 ta' Diċembru 2008 sal-14 ta' Jannar 2009.

(5) Ghandu jingħata iktar żmien biex ikun possibbli li ħażniet ta' laħam tal-bovini minn annimali maqtula nhar jew qabel l-1 ta' Diċembru 2008 mit-territorju tal-Brażil bil-kodiċi BR-1 kif stipulat fid-dħul għal dak il-pajjiż f'Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE, kif emendat mid-Deċiżjoni 2008/642/KE, jkomplu jkunu jistgħu jiġu impurtati fil-Komunità minħabba li m'hemmx tħassib dwar is-saħħa tal-annimali, billi dawk it-territorji huma diġà awtorizzati sa minn qabel dik id-data għall-importazzjoni tal-laħam frisk fil-Komunità. Għalhekk, l-Artiklu 2 tad-Deċiżjoni 2008/883/KE għandu jkun emendat biex dawk l-importazzjonijiet jkunu permessi sat-30 ta' Ġunju 2009.

(6) Id-Deċiżjoni 2008/883/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15.
([3]) ĠU L 207, 5.8.2008, p. 36.
([4]) ĠU L 316, 26.11.2008, p. 14.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fid-Deċiżjoni 2008/883/KE, l-Artikolu 2 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Kunsinni ta' laħam ta' bovini frisk, mingħajr għadam u mmaturat mit-territorju tal-Brażil bil-kodiċi BR-1, kif stipulat fil-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KE, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/642/KE (*), minn annimali maqtula nhar jew qabel l-1 ta' Diċembru 2008 jistgħu jibqgħu jiġu importati fil-Komunità sat-30 ta' Ġunju 2009.

(*) ĠU L 207, 5.8.2008, p. 36."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

## CORRIGENDUM

**Rettifika għad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (1) ta' Direttiva 90/425/KEE**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 268, 14 ta' Settembru 1992. Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 3 Volum 13)*

F'paġna 162 fl-Artikolu 17(2):

*minflok:* "2. Annimali, semen, ova u embrijuni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 biss li jissodisfaw il-ħtiġijiet segwenti jistgħu jkunu importati fil-Komunità:",

*aqra:* "2. Annimali, semen, ova u embrijuni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 11 biss li jissodisfaw il-ħtiġijiet segwenti jistgħu jkunu importati fil-Komunità:".

## NOTA LILL-QARREJ

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta’ l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.